
IN JERUSAL

Il-Knisja Qadima
Tal Qabar ta' Kristu
Li fiha jsiru
L-aqwa funzjonijiet
Tal-Ġimgħa l-Kbira
F'Ġerusalem



Ir-Raba' Sena | APRIL - ĠUNJU, 1958 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.




# LEĦEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Ir-Raba' Sena AURIL - ĠUNJU, 1918 Għadd 2

## X'FIH DAN IL-GĦADD

San Ġużepp (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... ... 33

### L-Ewwel Taqsima — DAWL

Imsejkna "Terra Santa" ... ... ... ... ... ... ... ... ... 34
Fejn Miet u Ndifen Ġesù (Ben Jehuża) ... ... ... ... ... ... ... ... 35
Il-Kotba tat-Testment il-Ġdid (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... ... ... ... ... 39
Ix-Xirka ta' Kumran (D. K. Sant) ... ... ... ... ... ... ... ... 41
San Ġorġ Martri ta' Lidda (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 44
Il-Franġiskani fil-Palestina (Kappillan D. Ġużepp Cauchi) ... ... ... ... ... 47
Is-Sufa (Il-Għarbiel) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 50

### It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Is-Sawm fi żmien il-Liġi l-Qadima (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 51
Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ġerusalem (Hanna l-Malti) ... ... ... ... ... ... 52
It-Twaqqif tal-Kummisserija ta' l-Art Imqaddsa f'Malta (P. V. Cardona, O.F.M. 58
Agrapha Christi (Fra Nikol) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 60
Aħbarijiet tal-Palestina ... ... ... ... ... ... ... ... ... 62
Il-Ħatem tal-Kardinal ... ... ... ... ... ... ... ... ... 63
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64

---

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# SAN ĠUŻEPP



*Ried ikun għani fil-qdusija dak li nħatar minn Alla biex iħares il-Qdusija nfisha: lil Ġesù u 'l Ommu Marija. Ġużeppi ta' Nażaret, moħbi mill-għajnejn tal-kburin, kien il-Magħżul minn Alla biex jieħu ħsieb l-Iben Waħdani Tiegħu: Il-Verb magħmul bniedem.*

*Milwi fuq il-bank tax-xogħol fil-ħanut ta' Nazaret, Ġużeppi l-mastrudaxxa kien jaħbi fih qdusija kbira. Imma ma satax ma jingħarafx u ma jinħabbx minn dawk li kienu jafuh mill-qrib. Hekk għamel l-Ordni tal-Franġiskani, li lil San Ġużepp sar jafu mill-qrib, meta r-Rħieb tiegħu daħlu fl-Art Imqaddsa u raw b'għajnejhom dawk l-imkejjen li thennew bid-dehra tiegħu. U dak in-nar ta' mħabba lejn San Ġużepp li xtegħel fit-Terra Santa xtered mal-Ordni Franġiskan kollu u mbagħad mad-dinja.*

*L-Ordni tal-Aħwa ż-Żgħar huwa quddiem nett fl-imħabba tiegħu lejn San Ġużepp u fit-tħabbir t'ismu l-imbierek. L-istorku P. Luqa Wadding, O.F.M., kiteb li bis-saħħa tal-Franġiskani tat-Terra Santa, li kienu jiġu lura mix-Xerq, l-imħabba lejn dan il-qaddis xterdet fl-Ewropa. L-Ordni Franġiskan ħabb lil San Ġużepp u fil-Kapitlu Ġenerali li sar f'Assisi fl-1399 il-Franġiskani ħtaru l-ewwel festa f'ġieħu. L-ewwel konfraternita tal-qaddis twaqqfet fl-Oċċident fl-1487, bis-saħħa tal-Bejatu Bernardinu minn Feltra. U meta bdiet iċ-ċaqliqa tal-Osservanza fi ħdan l-Ordni Franġiskan, San Bernardinu minn Siena qiegħed il-Kunventi tiegħu taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Il-festa tat-Tieġ ta' San Ġużepp mal-Madonna kienet mgħoddija lill-Franġiskani mill-Papa Pawlu III fl-1537. San Pietru t'Alkantra u San Lejonardu ta' Portu Mawrizju, kienu żewġ kolonni ta' mħabba lejn Ġużeppi ta' Nazaret. Iżda nieqfu hawn, u nżżu ħajr lir-Rħieb Franġiskani tal-Art Imqaddsa li nisslu fl-Ordni tagħhom u fid-dinja mħabba kbira lejn il-Għarus ta' Marija.*

*Issa sa naraw is-sura ta' San Ġużepp tar-Rabat inkurunata. F'dik il-kuruna tinġabar l-imħabba ta' Malta lejn dan il-Qaddis, li l-Papa Piju XII ħatar b'ħarries tal-Ħaddiema. U dik inhar bil-ħsieb nittajru għall-ħanut ta' Nazaret u naraw lil Ġużeppi bil-għaraq nieżel minn ħaddejh. U nsellmulu u ngħidulu: "Sliem għalik, Ġużeppi! Berikna u kun Int il-Mera tagħna!"*

# IMSEJKNA "TERRA SANTA"!

Il-Franġiskani, minn kif marru l-ewwel darba t-Terra Santa sas-sena 1830, kienu miżmuma maqfula fil-knejjes tagħhom, bħalli kieku f'ħabs. Fil-faċċata tal-knisja tal-Qabar ta' Kristu għadu mwaħħal il-kelb tal-ħadid li miegħu kienu jorbtu l-ħabel biex itellgħulhom l-ikel minn ġewwa tieqa.

Il-qagħda tbiddlet għall-aħjar fi żmien Muħammed Għali viċirè tal-Eġittu. Dan ħalla r-Rħieb joħorġu; u li jżuru kemm iridu t-Terra Santa l-Insara Ewropin, u li dawna jkunu mħarsa, il-Kattolki minn Franza, ix-Xiżmatki mir-Russja u l-Protestanti mill-Ġermanja. Knejjes inbnew, sptarijiet u skejjel infetħu, u l-Insara, għad li mdejqa f'art tat-Torok, għalihom kien kollox miexi ħarir.

Imbagħad inqalgħet il-gwerra tal-1914. Għall-aħħar tas-sena 1917 il-Palestina ħaduha l-Ingliżi. Fis-7 ta' Diċembru ta' dik is-sena il-General Allenby daħal Ġerusalem. L-Insara ta' Ġerusalem kollha ferħu dik inhar, għax ħasbu li ż-żmien tad-dwejjaq għalihom kien għadda, u sa kemm damu hemm l-Ingliżi kien għadda ta' bil-ħaqq. Isserq u qtil inqata' Kont tista' tmur fejn trid waħdek, għax ma jkellmek ħadd. Lill-Misilmin marritilhom l-arja u l-Insara ħadu r-ruħ. Lhud kien għad hemm ftit.

Imma fis-sena 1948 l-Ingliżi telqu. Ġens Nisrani telaq, u ħalla l-Art Imqaddsa, nieqa tad-Djiena Nisranija, f'idejn Lhud u Misilmin, nies li ma jemmnux. U issa, qabel ma laħqu għaddew għaxar snin mit-telqa tal-Ingliżi fuq it-Terra Santa raġa' beda tiela s-sħab iswed għall-Insara: sħab tar-ragħad u l-beraq, kesħa u dlam.

Il-Għarab ħarġu liġi li fl-iskejjel tal-Insara wkoll, lill-Misilmin jgħallmuhom il-Qoran. Li l-kotba tal-iskejjel, Insara wkoll, ikunu kif irid il-Ministru Mislem. Li fil-btajjel tal-Misilmin ma jagħmlux skola anqas l-Insara. Li f'kull skola, tal-Insara wkoll, ikun hemm knisja Misilma, fejn jistgħu jsallu. Li rħieb u qassisin ma jistgħux jaqalgħu flus, u flus għall-iskejjel ma jistgħux jinbagħtulhom minn barra. Il-flus li jkollhom iridu jgħidu minn fejn ġiebuhom, u jekk jinqabdu jieħdu flus minn barra, jistgħu jagħalqulhom l-iskola. Tneħħew il-qrati tal-Insara fejn jinqatgħu kawżi li jmissu d-Din (żwieġ, magħmudija, firda tal-miżżewġin, ħsieb tal-ulied, u hekk). Ħtija t'hekk l-Insara ta' l-Eġittu fis-sena 1955 ma għamlux Milied.

Il-Lhud min-naħa l-oħra, ma jħallu lill-ebda Lhudi jsir Nisrani, għad li l-Insara jistgħu jaqalbu Lhud. Jiktbu fil-gazzetti li ma jaqbilx li fil-Palestina jkun hemm l-Insara. Hemm Xirka biex ma tħallix tfal Lhud imorru skejjel tal-Insara. Ebda Lhudi ma jista' jiżżewweġ Nisranija, jew Lhudija Nisrani. Iridu li jinħatnu (jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni) s-subien kollha li għandhom missier Lhudi, imma omm Nisranija.

Issa l-Misilmin ħarġu b'oħra: ebda Raħeb ma' jista' jagħmilha ta' gwida. Jekk, imqar ġewwa knisja Nisranija jinqabad ifisser xi kelma lil xi ħadd, jista' jkun imwassal. F'anqas minn ġimgħa, żewġ Franġiskani sabu ruħhom imwasslin lil pulizija, fuq hekk.

U dan kollu issa, li ż-żewġ Ħakmiet għadhom fil-bidu, u jeħtieġu l-għajnuna. Mela x'sa jsir 'il quddiem, jekk għad ikunu għal kollox rajhom f'idejhom? Imsejkna Insara tat-Terra Santa! Imsejkna Franġiskani!

# FEJN MIET U NDIFEN ĠESU'

Ħafna nies jaħsbu li Ġesù kien imsallab fuq muntanja. Imma dana ma hux minnu, u fl-Evanġelju l-kelma muntanja ma tissemmiex. San Mattew li kiteb l-Evanġelju l-ewwel wieħed, u kitbu billsien Arami, għal-Lhud tal-Palestina, semma li fejn sallbu lil Ġesù kienet naħa msemmija *makan Golgolta* (XXVII 32. Ara wkoll Mk. XV, 22, u Gn. XIX, 17). Fuq muntanja u m'hux muntanja ma qal xejn.

Lil Ġesù sallbuh fuq blata għolja xi ħmistax-il xiber, maqtugħa għaliha, f' nofs ta' foss wiesa' donnu misraħ, quddiem wieħed mill-bibien tal-belt. Din li joqtlu l-ħatja qrib il-bieb tal-belt, kienet ħaġa li ssir qisha kull imkien. Sa anqas minn mitt sena ilu, hawn Malta wkoll, kienu jgħallqu n-nies fix-xagħra tal-Furjana, jiġifieri ftit 'il barra mill-Bieb ta' Putirjal. Jekk inti tmur ir-Rabat u tidħol fil-ġnien ta' ħada l-bieb tal-Imdina, tara foss fejn jilgħabu l-foot-ball, u f'rokna tiegħu, fis-sur, tara bieb. Jekk tistħajjel li dak il-foss huwa wiesa' xi daqs li hu darb'oħra jew ftit aktar, u li f'nofsu hemm blata maqtugħa għalieha, ikollok xbieha tajba tan-naħa li fih kien imsallab Ġesù.

"Mela, ma kienx hemm it-telgħa tal-Kalvarju, li jsemmuha n-nies?" isaqsi xi ħadd.

Kien hemm u għadha hemm il-lum ukoll. Imma t-telgħa kienet (u għa-



**Kif kienet il-Blata tal-Kalvarju meta sallbu fuqha lil Ġesù.**
**Il-għar li hemm fil-blata, ma huhiex il-qabar ta' Kristu. Ħadd ma jaf x'kien, imma kien xi ħaġa għażiża għal-Lhud, għax ħtija tiegħu tħalliet dik il-blata f'nofs il-misraħ.**



**Il-Kalvarju kif inhu l-lum. Dak li donnu qabar, bejn il-kandlieri, hija l-Ħaġra fejn dilku lil Ġesù mejjet qabel difnuh. Il-Blata tal-Kalvarju għolja m'għla l-balavostri, u moħbija wara l-ħajt li jidher taħthom. Fil-lemin jidher wieħed miż-żewġ turġien li jieħdu fuq il-Kalvarju.**

ha) ġewwa l-belt. Tibda minn triq watja, jgħidulha l-Wied u tibqa' tielgħa sa ma ma taqbad mat-triq ta' taħt issur. Biex minn hemm tmur il-Golgolta, kont trid tilwi fuq ix-xellug, timxi ftit u toħroġ mill-bieb, u ssib ruħek fil-foss wati li semmejna, fejn kienet il-Blata. Lil Ġesù, biex wassluh il-Golgolta, ħarġuh mill-Għassa l-Kbira, dak li jgħidulu Pretorju ta' Pilatu, niżżluh niżla, sat-triq il-watja li jgħidulha Wied, ilwew in-naħa tal-lemin mat-telgħa li qegħdin insemmu, u ħarġuh mill-bieb għal misraħ ta' barra s-sur.

"Għaliex kienu jgħidulha Golgolta dik il-blata t'hemmekk?"

Fl-Evanġelji miktub li Golgolta tfisser Ras ta' Mewt, jew qarriegħa. Imma dit-tifsira aktarx tennewha l-kopisti, u tista' tkun minna u tista' ma tkunx. Għax din ma qalhiex San Mattew li kiteb l-ewwel Evanġelju, imma

min qalbu mill-Arami għal Grieg. San Mattew kiteb l-Evanġelju bl-Arami, u ma kellux għal fejn jgħidha, għax min jaf l-Arami kien jaf xi tfisser bla ma jgħidlu ħadd. B'dana kollu tista' tfisser Ras ta' Mewt ukoll, kif sa ngħidu hawnhekk.

L-Arami kien qisu bejn Għarbi u Lhudi, u kien jixbaħ lil Malti wkoll, imma 'ġ' ratba ma kellhomx. Kienu jgħiduha dejjem jiebsa (ġemel kienu l-isem kien ifisser: Il-Blata l-Imġelġla, jiġifieri l-Mixquqa. Għal dan għedt mill-ewwel li min qaleb l-Evanġelju mill-Arami għal Grieg, u qal li Golgolta tfisser Ras ta'Mewt, jista' jkun li qal sewwa u jista' jkun li le.

Għal hekk, fejn sallbu lil Ġesù ma kienx muntanja. Kienet blata ftit għolja. Kienu jgħidulha Tal-Ġolġol, jew għax kienet imġelġla, inkella għax kellha għamla ta' Ras ta' Mewt.



**Kif kien il-Qabar Ġdid li fih Jusef T'Arimatija difen il-Ġisem Imqaddes Ta' Ġesù.**

jgħidulu gemel). Aħna, dik il-għamla ta' qanpiena mdawra li jdendlu f'għonq il-bhejjem ma ngħidulhiex ġolġol? Il-ġolġol ikun fih żewġ toqob, donnhom żewġ ħofor tal-għajnejn; u xaqq f'nofshom, donnu fejn kien l-imnieħer. Jista' jkun mela li l-Blata tal- Golgolta kien fiha xi żewġ ħofor, waħda kull naħa, u f'nofshom xi ħaġa donnha mnieħer.

Imma jista' jkun li kienet tfisser ħaġa oħra. Aħna, borma mixquqa ma ngħidux li hija mġelġla? Issa, fil-Blata tal-Golgolta kien hemm xaqq kbir, minn fuq għal isfel, u għadu jidher illum ukoll. Għal hekk jista' jkun li dak

* * *

"U l-Qabar li difnu fih lil Ġesù, kif kien?"

L-ewwel għidna li fejn sallbu lil Ġesù kien jixbaħ ġmielu lill-foss ta' taħt il-ġnien ta' ħdejn l-Imdina. Issa, istħajjel li l-ħajt ta' biswit is-sur huwa tal-blat. Il-Qabar li fih difnu 'l Ġesù kien imħaffer fil-ħajt tal-blat ta' quddiem is-sur, hemm, qrib mill-Blata tal-Ġolġol, ukoll.

Il-Qabar kien magħmul żewġ kmamar: kamra barra u kamra ġewwa. Il-kamra ta' barra, bla bieb, miftuħa dejjem. Fl-art tagħha, mal-ħajt ta' ġewwa, biswit il-bieb, kien hemm ħofra u



**Il-Qabar ta' Kristu kif inhu issa.**
**Jidhru l-Franġiskani u n-nies, waqt il-purċissjoni li ssir kull wara nofs inhar fil-Bażilka.**

ġewwa l-ħofra bieb żgħir, jagħti għal kamra ta' ġewwa. Il-bieb iż-żgħir kien jingħalaq b'ħaġra mdawra, donnha ħaġra ta' mitħna, li jgerbuha ġewwa kanal imħaffer quddiem il-bieb. Il-kamra ta' ġewwa kien fiha ħnejja fil-ħajt u taħt il-ħnejja farxa tal-ħaġar. Il-mejjet kienu jmidduh fuq dik il-farxa, u meta joħorġu, igerbu l-ħaġra l-imdawra quddiem il-bieb, biex jagħilquh, u jordmu l-ħofra b'kollox biż-żrar u t-trab. Il-kamra ta' ġewwa kienet il-kamra tal-mejjet, u l-kamra ta' barra l-kamra ta' niesu, meta jiġu jibkuh.

Hekk kien il-Qabar li fih difnu lil Ġesù kif jidher mill-Evanġelju. U oqbra ta' dil-għamla, qrib Ġerusalem, għad baqa' m'hux wieħed u tnejn.

Ben Jeħuża.

## QWIEL TAL-PALESTINA

Qal il-ħajt lel wetet: "Liex txoqqni?" ġawab: "Asqal lijdoqqni!". Il-ħajt qal lil musmar: "Għax qiegħed ittaqqabni?" Wieġeb il-musmar: "Saqsi 'l min qiegħed isammarni!" Tfisser li l-ħaddiem ikollu jisma' minn min iħaddmu, u meta jagħmel dak li jkun imqabbad, u la għandu fidja anqas ħtija.

# IL-KOTBA TAT-TESTMENT IL-ĠDID

It-Testment il-Qadim, mimli bil-wegħdiet tal-Miġja tal-Messija, il-Feddej tal-bnedmin. Meta deher lil ħanin Alla li kien wasal iż-żmien, dawn il-wegħdiet kienu mwettqa. Il-Profeti kienu ħabbru bir-reqqa kollha min kellu jkun dan il-Feddej. Il-Messija kellu jitwieled mill-qabil ta' Ġuda, kellu jkun minnisel ta' David, ommu kellha ssir omm imma tibqa' safja; kellu jitwieled fiċ-ċkejkna belt ta' Betlehem, u l-Profeta Danjel, saħansitra għarraf iż-żmien meta kellu jidher il-Mistenni tal-Ġnus. Ma kienx fadal għajr li xi ħadd juri b'sebgħu lil Messija, u dan għamlu wkoll l-aħħar u l-akbar fost il-Profeti. San Ġwann il-Għammied, meta fuq xatt ix-xmara lemaħ ġej lil Ġesù u qal lis-semmiegħa tiegħu: "Hawn hu l-Ħaruf ta' Alla! Hawn hu dak li jarfa' l-ħtijiet tad-dinja!"

Din l-aħbar tajba, kif tassew tfisser il-kelma Griega 'Evangeljon' Vanġelu, ma kenitx tfisser ħaġa oħra għajr li s-Saltna t'Alla kienet fil-qrib. Kien wasal il-Feddej li bil-ħajja u l-ħidma tiegħu kellu jifdi lid-dinja mid-dnub u mill-jasar tad-demonju. Din l-aħbar kull imkien: f'Ġerusalem, fis-Samrija, fil-Palestina: mad-dinja kollha, sa ġewwa Ruma. L-Appostli kienu l-Profeti tal-Għaqda l-Ġdida. Kif fil-Għaqda l-Qadima Alla bagħat lil Profeti, li kienu jitħaddtu f'Ismu, hekk fl-Għaqda l-Ġdida Sidna Ġesù Kristu bagħat lil Appostli, li kienu jitħaddtu f'Isem Kristu. Ġesù kien qalilhom: "Ma tkunux intom li titkellmu, imma Ruħ missierkom li titkellem fikom". U għal hekk qalilhom ukoll: "Min jisma' lilkom, jisma' lili; u min imaqdar lilkom, imaqdar lili." L-Insara fehmu tajjeb din it-tagħlima, u fil-persuna ta' l-Appostli kienu jaraw il-persuna ta' Kristu. Hekk qal Serapjon u s-Santi Padri, kif ukoll il-kittieba u l-għorrief kollha tal-knisja.

Iżda kif l-Appostli nqdew bil-kelma ma' dawk li kienu qrib tagħhom, hekk ukoll inqdew bil-kitba ma' dawk li kienu bgħid minnhom. U kif il-kelma tal-Appostli kienet tkun milqugħa bħala l-kelma ta' Kristu, il-kelma t'Alla, hekk ukoll il-kelma miktuba tal-Appostli, il-kitba tagħhom, kienet tkun magħrufa bħala l-kitba ta' Kristu, t'Alla. Fi kliem ieħor, il-kotba tal-Appostli kienu jkunu magħrufa bħala kotba ispirati u kanonki.

Mhux l-Appostli kollha nqdew bil-kitba, u ħadd fost dawk li kitbu ma kellu l-fehma li jikteb dak kollu li tiġbor fiha l-Fidi Nisranija; l-Appostli kitbu meta deherilhom li kienet meħtieġa l-kitba; u kitbu mhux biex ifissru l-Fidi Nisranija kollha, għax ma kitbux Kateżmu; imma kitbu dak li deherilhom li kien meħtieġ. Meta dawk ta' Korintu bagħtu jistaqsu lill-Appostlu Missierna xi ħwejjeġ fuq iż-żwieġ, San Pawl weġibhom. Kieku ma saqsewhx huma, aktarx li ma kien isemmi xejn.

Il-kitba tal-Appostli kienet milqugħa b'għożża kbira, kif ta' bil-ħaqq kien jixirqilha. San Pietru fit-Tieni Ittra tiegħu, isemmi ġabra ta' ittri li kien kiteb San Pawl, għad li ma nistgħux ingħidu sewwa liema kienu. Minn xi papiri, magħrufin bl-isem ta' Chester Beatty, nafu li f'nofs it-tieni mitt sena wara Kristu, fl-Eġittu ta' Fuq, kienet tinsab ġabra tal-erba' Vanġeli tagħna; u fl-aħħar tat-tieni seklu, il-framment ta' Muratori, isemmi l-biċċa l-kbira tal-kotba tal-Għaqda l-Ġdida: l-erba' Vanġeli, l-Atti tal-Appostli, tlettax-l Ittra ta' San Pawl (barra dik tal-Lhud), tliet Ittri Kattolki, u l-Apokalissi ta' San Ġwann.

Mhux kull wieħed minn dawn il-kot-

ba kien magħruf bħala spirat u kanonku, minn kull ħadd u kull imkien. Fosthom kien hemm seba' — l-ittra lill-Lhud, it-Tieni Ittra ta' San Pietru, it-Tieni u t-Tielet Ittra ta' San Ġwann, l-Ittri ta' San Ġakbu u ta' San Ġuda, kif ukoll l-Apokalissi — li damu ħafna ma ingħarfu minn kull ħadd u kull imkien bħala kotba spirati u kanonki. Nistgħu ngħidu li dil-kwistjoni ma kenitx maħlula għajr fil-Konċilju ta' Trentu, meta fir-rabgħa Sessjoni, fit-8 t'April 1548 iddefinixxa liema huma l-kotba spirati u kanonki u fosthom semma kull wieħed minn dawn il-kotba.

Barra minn dawn il-kotba kien hemm oħrajn miktubin u mxandrin aktarx bl-isem ta' xi Appostlu, li minn xi Santi Padri jew kittieba Insara kienu meqjusin bħala spirati u kanonki, għad li ta' bil-ħaqq ma kenux. Fost dawn wieħed jista' jsemmi t-Tagħlim tat-Tnax-l Appostlu, l-Ittra ta' San Barnaba, l-Evanġelju ta' San Ġakbu u ħafna u ħafna kotba oħra, li għandhom importanza m'hix żgħira għat-tagħlim Nisrani fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. Ngħidu mill-ewwel li uħud minn dawn il-kotba , għad li ma humiex spirati u kanonki, kif xi ħadd kien ħasibhom, huma b'dana kollu kotba tajba. Imma oħrajn huma kotba li kienu mxandrin minn eretki bl-isem ta' xi Appostlu, biex iqarrqu b'min jaqrahom.

Minn dan nistgħu naraw li l-ewwel żmenijiet tal-knisja Nisranija kien hemm ħafna kotba; kien hemm il-kotba mqaddsa li kienu magħrufin minn kull ħadd bħala ispirati u kanonki, bħal ma huma l-erba' Vanġeli, l-Atti tal-Appostli, l-Ittri ta' San Pawl, barra minn dik tal-Lhud, l-ewwel Ittra ta' San Pietru u l-ewwel waħda ta' San Ġwann. Kien hemm imbagħad seba' kotba oħra : l-ittra lil-Lhud; it-Tieni ittra ta' San Pietru u t-tieni u t-tielet ta' San Ġwann; l-ittra ta' San Ġakbu u San Ġuda u l-Apokalissi, li għad li kienu spirati u kanonki bħall-oħrajn, ma kenux magħrufa b'hekk mill-ewwel minn kull ħadd u kull imkien, u li sallum, il-Protestanti ma jżommuhomx bħala spirati u kanonki. Kien hemm ukoll kotba, bħat-Tagħlim tat-Tnax-l Appostlu, l-ittra ta' San Barnaba u oħrajn, li għad li ma kenux spirati u kanonki, għal xi żmien, minn xi kittieba, kienu maħsubin li kienu. Fl-aħħarnett kien hemm kotba miktubin minn eretki u mxandrin bl-isem ta' xi Appostlu, sabiex iqarrqu bl-ewwel Insara.

Kif waslet il-knisja biex tagħraf tassew liema kienu l-kotba spirati u kanonki, tagħżilhom mill-oħrajn u tgħaqqad f'ġabra waħda l-kotba kollha tat-Testment il-Ġdid?

X'uħud jaħsbu li San Ġwann l-Evanġelista, li kien l-aħħar wieħed li miet fost l-Appostli, qabel ma temm ħajtu, għarraf lil knisja liema kienu l-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Ġdid.

Dil-fehma ma hiex imsejsa fuq l-ebda stqarrija tal-kittieba tal-qedem. Ebda wieħed mill-kittieba ewlenija ma semma xejn fuq dan. Nistgħu ngħidu li l-ġrajja nfisha li xi kittieba ma laqgħux seba' minn dawn il-kotba tat-Testment il-Ġdid bħala spirati u kanonki, u oħrajn laqgħu bħala spirati u kanonki kotba li ma kenux, turi ċar li dan il-għidud fuq San Ġwann ma hu xejn minnu.

Hemm fehma oħra, li lilna togħġobna iżjed, li tgħid li l-kotba tal-Appostli kienu jkunu magħrufin mill-Insara bħala spirati u kanonki. Għal hekk malli wieħed kien jasal li jagħraf li dan jew dak il-ktieb kien ġej minn Appostlu, kien jilqgħu bħala spirat u kanonku. Din il-fehma taqbel sewwa mal-ġrajja li s-seba' kotba spirati u kanonki, li għal xi żmien ma kenux magħrufin

bħala spirati u kanonki, għad li ma kienux, huma magħrufin bl-isem ta' xi Appostlu, għad li dan ma hux minnu.

Iżda xi ħadd jista' jgħid: Fost il-kotba tat-Testment il-Ġdid hemm il-Vanġelu ta' San Mark u wkoll ta' San Luqa, kif ukoll l-Atti ta' l-Appostli, li huma miktuba mnn San Mark u minn San Luqa, li ma kienux Appostli. Kif immela, dawn il-kotba kienu minn dejjem magħrufin bħala spirati u kanonki, u qatt ma kien hemm l-ebda dubju fuq l-ispirazzjoni u l-kanoniċità tagħhom?

Għal din il-mistoqsija nwieġbu li t-tieni u t-tielet Vanġelu kienu minn dejjem magħrufin bħala Vanġeli ta' San Pietru u ta' San Pawl. San Mark kien dixxiplu ta' San Pietru u ma għamilx ħaġ'oħra għajr li niżżel bil-miktub it-tagħlim ta' San Pietru. San Ġustinu f'nofs it-tieni seklu jsemmi ħwejjeġ li jinsabu fil-Vanġelu ta' San Mark u jgħid li qrahom fil-Vanġelu ta' San Pietru. Hekk ukoll San Luqa magħruf bħala dixxiplu ta' San Pawl u l-kitba tiegħu magħrufa bħala t-tagħlim ta' San Pawl.

Minn dan naraw li l-kotba tat-Testment il-Ġdid huma l-kotba tal-Appostli, li barra mill-priedki tagħhom li jinsabu fit-tradizzjoni Divina, ħallewlna wkoll bil-kitba dak it-tagħlim li deherilhom li kellhom iħallu wkoll bil-kitba, u dawn huma l-kotba tat-Testment il-Ġdid.

P. Serafin M. Zarb, O.P.

---

# IX-XIRKA TA' QUMRAN

Wara li tkellimna ftit (fil-ħarġa ta' qabel din) fuq il-fdalijiet li nsabu fil-egħrien ta' qrib il-Baħar Mejjet, issa naraw x'nistgħu nitgħallmu mill-kitba li nsabet f'Qumrân. Billi ħafna minn din il-kitba titħaddet fuq il-ħajja u t-twemmin tar-Rħieb ta' dik ix-Xirka, kienu jew ma kienux Essenîn, minnha wieħed jista' jagħraf dawn ir-Rħieb tad-deżert x'għamla ta' nies kienu.

Kif rajna d-darba l-oħra, huwa magħruf li dix-Xirka nġabret f'dak id-deżert għall-ħabta ta' żmien Ganni Hirkânu, fi tmiem it-tieni mitt sena qabel Kristu. Dak iż-żmien kien jinsab xi raġel qaddis, li kien meqjus ħafna fost il-Lhud, imma li għal tjubitu kien maħqur mill-kbarat tagħhom. In-nies kienu tawħ l-isem ta' "Mgħallem is-Sewwa". Dana fl-aħħar telaq minn Ġerusalem u tbiegħed mill-Qassisin, li daqs kemm kienu ħżienu,kienu saħansitra jixxierku mal-Pagani. Mar inġabar fil-barr, in-naħa tal-Baħar Mejjet u kotra ta' nies telqu huma wkoll minn Ġerusalem u marru miegħu. U hekk bdiet ix-Xirka tal-Qumran jew Essenin.

### IHEJJU TRIQ IL-MULEJ

Mill-kitba ta' dawn in-nies jidher li l-fehma tagħhom kienet li jitħejjew għal miġja tal-Messija, biex meta hu jiġi, huma jkunu mill-ewwel li jmorru miegħu u jgħinuh ibiddel id-dinja, minn dinja tal-ħażen għal dinja tat-tieba, jibdew minn Ġerusalem. Għelhekk ingħaqdu f'għaqda waħda, bgħid mill-għawa tad-dinja u t-tinġis, jgħakksu ġisimhom bis-sawm u jfaħħru 'l Alla bit-talb, u jaħsbu dejjem fuq il-liġi tiegħu, biex jgħarfu rajħ u jħarsuh sewwa u hekk iħejju ruħhom għan-nisel il-ġdid ta' wlied Adam, jiġifieri għas-Saltna t'Alla.

Lil kull bniedem ġdid li kien imur biex jidħol magħhom kienu jagħtuh fost oħrajn, dawn it-tusijiet: "...li jfit-

tex dejjem 'l Alla... li jagħmel dak li hu sewwa quddiemu, kif Hu amar lil Mosè u lil qaddejja Tiegħu l-Profeti ... li jħobb lil dawk li Alla għażel, u jobgħod dawk li huwa stkerraħ ... li jitħarreġ fil-ħaqq, ma' tul ħajtu fuq l-art... li jfittex li jinġabru f'xirka waħda dawk kollha li huma miġbuda lejn il-Liġi, biex ilkoll flimkien iħobbu lil Ulied id-Dawl u jobgħodu lil Ulied id-Dlam, kif jixraq u kif jitlob il-ħaqq t'Alla. Biex dawna jagħtu dehenhom u saħħithom u mielhom lix-Xirka t'Alla, biex jissaffew minn ħtijiethom u jaħdmu kif jixraq lill-ħaqq Tiegħu. Biex ma jagħmlux anqas biss pass wieħed barra mittoroq tal-Mulej, la n-naħa tal-lemin anqas in-naħa tax-xellug. Biex jagħmlu kollox f'ħinu u f'waqtu, u la jitwaħħru u la jitbakkru biex ma jitbegħdux missewwa." Dana kollu jinsab miktub fir-Regla ta' dawk ir-Rħieb, u minn hekk jidher li l-għan tagħhom kien li jwaqqfu bħal saltna żgħira li fuqha kellha tissawwar is-Saltna l-Kbira li kellu jwaqqaf fid-dinja meta jiġi l-Messija.

### TAQSIM U ĦAJJA TAX-XIRKA

L-Imxerkin kienu maqsuma f'Qassisin u m'humiex, u fuq kull għaxra kien hemm bħala rajjes wieħed Qassis. Fuq kull ħadd kien hemm Qassis magħżul mill-Ġemgħa, li kienu jgħidulu l-"Im-



**Monsinjur Skehan, Professur tal-Università Kattolka ta' Washington, jidher fil-Mużew tal-Qdumija Ġordanija, iqabbel ma' xulxin il-frak tal-kotba li nstabu f'Qumran.**

bakker". L-imxerkin f'iżmna mgħajnin kienu jagħmlu laqgħa, li fiha kull wieħed kellu l-maqgħad tiegħu għal daqs kemm ikun mgħoddi 'l quddiem fit-tieba. Kien hemm ukoll il-Ġemgħa tat-Tnax, li kienet tgħaddi kull ma kellu x'jaqsam mal-ħwejjeġ tar-ruħ u tat-tagħlim. Kull Xrik kellu l-jedd li jagħti l-fehma tiegħu fuq it-tmexxija tax-Xirka.

Kienu jagħtu rajjhom, iwa jew le, għad-dħul ta' kull xrik ġdid. Jagħtu l-kastig lil kull Xrik li jonqos minn dmiru, u jagħmlu ħaqq minnu bħal kieku f'qorti. Kull ħadd kien marbut li jħares ir-Regola, u kastig kbir kien jingħata lil min jiksirha. Kull Xrik ġdid kellu jitlaq ruħu għal kollox f'idejn il-mexxej tiegħu, u jgħix ħajja għal kollox bħal ta' l-oħrajn u jitħarreġ fil-għadiet it-tajba. Il-koll kellhom jemmnu twemmin wieħed, u jsellu u jieklu flimkien. L-ikliet tagħhom kienu magħduda bħala ħaġa qaddisa, u ebda Xrik ma kien jista' jieħu sehem fiha jekk ma jkunx għadda magħhom mill-anqas tliet snin. Il-mejda kien ikollha b'rajjes tagħha Qassis, li jbierek il-ħobż u l-inbid, u ħadd mill-Ixirka ma kien jista' jmissu qabel ma l-Qassis inewwilhulu.

Kellhom isellu fi tlugħ ix-xemx u nżulha u jishru, is-sena kollha, mit-tlieta waħda tal-lejl. Is-sahra kienu jgħadduha fil-qari tal-Liġi u fit-tifħir 'l Alla flimkien. Xrik minn kull għaxra kienu jħalluh ħieles biex jgħaddi ħinu jaqra u jmaħħah fuq il-Liġi, u dak li jifhem minnha jgħallmu lill-oħrajn.

### TIFSIR FUQ IR-REGOLA

Il-kastig għal min jikser ir-Regola kien ikun: jekk jigdeb ikun maqtugħ mix-Xirka għal sena. Jekk jitħaddet fuq wieħed minn sħabu: sitt xhur. Għal kliem fieragħ: tliet xhur. Jekk jaqta' kliem ħaddieħor: għaxart ijiem. Jekk jongħos waqt il-Laqgħa; jekk jidħak wisq, jew jobżoq quddiem sħabu: xahar. Jekk juri l-għera ta' ġismu: sitt xhur. Jekk igemgem fuq ix-Xirka: ikun imkeċċi għal dejjem.

Ir-Regola tagħhom kienet tiġbor kollox f'dawn il-kelmiet: l-Ixirka għandhom jisimgħu l-kelma ta' min ikun fuqhom; li jieklu flimkien, ifaħħru 'l Alla flimkien, u jieħdu raj x'għandhom jagħmlu, flimkien.

Kull bniedem li minn qalbu kien irid jitlaq id-dinja biex jagħmel is-sewwa kien jista' jitlob li jkun imdaħħal fix-Xirka. Min jidħol kien ikollu jkun imġarrab mill-inqas għal tliet snin. Wara tliet snin, jekk ikun ġieb ruħu sewwa, kienu jistaqsuh bir-reqqa fuq il-għan li għalih daħal fix-Xirka. Jekk igħaddi mill-mistoqsijiet, jagħmlu festa u wara li jistqarr li hu midneb, igħammduh u huwa jagħmel il-wegħdiet li titlob ix-Xirka.

Il-għan tax-Xirka kien li tħares lil min jidħol fiha mill-ħażen tad-dinja, li hi mmexxija minn Belial (ix-xitan). Għal hekk min jidħol fix-Xirka kellu: "...ma jissieħeb qatt mal-bniedem tad-dinja f'xogħlu u f'mielu li jewwilla b' hekk ma jkunx imġiegħel jaqa' f'xi dnub... li jżomm ruħu bgħid min-nies tad-dinja, għax dawk kollha li ma humiex fix-Xirka jeħtieġ li jkunu mwarrbin, huma u l-ġid kollu tagħhom... li ma jagħtix ruħu għal ebda ħaġa fiergħa, għax ferghin huma dawk kollha li ma humiex fix-Xirka".

### IT-TWEMMIN TAL-IMXERKIN

L-Ismeħbin fix-Xirka kienu jemmnu li hemm Alla Wieħed fuq kollox u fuq kull ħadd. Li fid-dinja hawn żewġt Erwieħ, Ruħ id-Dawl u Ruħ id-Dlam, li dejjem jitqabdu waħda mal-oħra. Il-ġlieda tagħhom issir fil-qalb ta' kull

bniedem, u l-imġieba ta' kull bniedem hija l-ħsul jew 'riżultat' ta' din it-taqbida. In-nies m'hux kollha mnisslin min-nisel wieħed. Min hu mnissel missewwa, iħobb is-sewwa, imma l-kotra tan-nies huma mnisslin mill-ħażen, għal hekk jobogħdu s-sewwa. Għelmijiet tas-sewwa huma: sliem fil-qalb. La ferħ żejjed u la niket żejjed. Ħniena għal min hu maħqur u tjieba ma' kull ħadd. Twemmin f'Alla u fada fil-ħniena Tiegħu. Għelimiet il-ħażen huma: mibgħeda fil-qalb. Għadab, regħba u xeħħa. Nuqqas ta' ħaqq u ġħulija.

Kienu jemmnu li fid-dinja m'hux Messija wieħed kellu jiġi, imma tnejn: il-Messija ta' David u l-Messija ta' Aronn. L-ewwel wieħed ikun gwerrier u t-tieni Qassis. Il-Messija l-Qassis għandu jbierek lil Messija gwerrier u jgħidlu: "Alla jtellgħek fil-għoli, kif mtella' fil-għoli borġ mibni fuk sur. Inti taħbat lid-dinja bis-saħħa ta' kliemek u twitti l-art bis-saħħa tal-ħatar tiegħek. Bin-nifs tiegħek teqred lill-ħżiena. Il-qawwa tiegħek tkun ruħ il-għerf u l-biża' t'Alla".

Meta ż-żewġ Messija jwaqqfu s-Saltna t'Alla fid-dinja, għandha ssir għaxa (ikla) kbira. Fuq l-mejda waqt il-għaxa l-Messija Qassis joqgħod aktar fil-għoli mill-Messija gwerrier.

Il-fehma fuq iż-żewġ Messija aktarx li daħlet fix-Xirka ta' Qumran hekk: qabel ma ntemmet is-saltna tal-Lhud, it-tama tal-poplu kienet tkun dejjem fis-slaten. Meta ntemmet is-saltna, tamet il-poplu marret fuq il-Qassisin, billi daħlu flok is-slaten Ulied Sadoq. Imma kotra kbira mill-poplu baqgħet tittama li għad ikollha sultan. Minn dawn iż-żewġ fehmiet aktarx li daħlet fir-Rħieb ta' Qumran it-tama li għad jiġu żewġ Messija, wieħed Qassis u ieħor gwerrier.

D. K. SANT.

---

# SAN ĠORĠ MARTRI TA' LIDDA

*(23 ta' April)*

Billi Lidda, il-belt li fiha twieled u ħa l-Martirju San Ġorġ, u fejn jinsab il-qabar tiegħu, qegħda fil-Palestina, jixraq li f'dan il-Qari ngħidu xi ħaġa fuqu. Ma għandniex xi ngħidu, bħal ma dari, kollox fil-qosor.

Martin Luther u Kalvinu u xi nies li mxew warajhom, ma' tul is-snin 1483-1558, xerrdu x-xniegħa li San Ġorġ qatt ma kien fid-dinja. Imma minn dak iż-żmien 'il hawn, nies għorrief fettxew u flew ħalli jkunu jafu jekk San Ġorġ kienx fid-dinja tas-sew inkella le. It-tmiem ta' dat-tiftix kien li San Ġorġ kien tas-sew fid-dinja, imma billi għex u ħa l-Martirju f'art u fi żmien li fihom kien hemm ħafna ġħulija, jew **injuranza,** ġraw żewġ ħwejjeġ li wara ġiegħlu lil xi nies li ma jibqgħux jemmnu bih. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ huma, l-ewwel: li għabbew l-istorja tiegħu b'ħafna ħrejjef u ġrajjiet tal-għaġeb li qatt ma ġraw; it-tieni: li wara xi snin li ħa l-Martirju dan il-qaddis, wieħed Nisrani ħażin, jismu Ġorġ ukoll, kien maqtul ġewwa Lixandra u mal-insara ħżiena bħalu għadda bħala Martri. U hekk Ġorġ is-suldat, Kattoliku, li miet għal Kristu, qaddis ta' bil-ħaqq, kien imħawwad ma' Ġorġ il-ħażin, li kien maqtul għar-regħba li kellu tal-flus.

Ta' min iżomm quddiem għajnejh li Ġorġ ta' Lixandra, eretku Arjan, għadu ta' Sant'Atanasju, kien maqtul fis-

sena 360 w.K. Imma nsabet kitba ta' għaxar snin qabel, li turi li dak iż-żmien San Ġorġ is-suldat kien ilu ħafna li ħa Martirju u kien hemm il-knejjes mibnijin għalih. Dawn il-kitbiet insabu fis-Surija. Narawhom ftit hawnhekk.

L-eqdem kitba tinsab minquxa fuq il-ħaġra, fuq bieb ta' dar imġarrfa u qadima għall-aħħar, misjuba minn wieħed Ġermaniż, Dr. Bruckhardt, f' belt jisimha Xaqqa, fis-Surija. Il-kitba hi bil-Grieg u l-kliem tagħha hu dan:

**Oikos Hagion Athloforon Martyron Georgiou Kai Ton Syn Auton Hagion**

li bil-Malti tfisser: "Id-Dar tal-qaddisin rebbieħa Martri, Ġorġ, u l-qaddisin li huma miegħu".

Ma hux magħruf sewwa dil-kitba meta nkitbet, imma minn xi kliem tagħha jidher li nkitbet bejn is-snin 330 u 350. Dan juri li mqar kieku nkitbet fl-aħħar sena, 350, u m'hux qabel, għaxar snin qabel ma kien maqtul Ġorġ l-ieħor, ta' Lixandra, Ġorġ ta' Lidda kien ilu mejjet bosta snin, għax kienu nbnew il-knejjes tiegħu.

Dak li sab il-kitba li għadna kemm semmejna, sab ukoll kitba oħra, fis-Surija wkoll, fuq bieb ta' knisja mġarrfa, fil-belt ta' Andra. Inġibu hawn ftit kliem minn dil-kitba li fiha jissemma San Ġorġ. Dan hu:

**Anir Tis Filokhristos O Proteyon Joannis Diomedeos Eks Idion Doron Theo Prosinegken Aksiatheaton Idrisas In Tauto Tou Kallinikou Hagiou Martyros Georgiou.**

Bil-Malti jiġifieri: "Wieħed raġel li jħobb lil Kristu, Ġanni bin Djomede, bħala għotja minn flusu għamel lill-Alla dan il-bini ta' min jaraħ, u qiegħed ġewwa fih il-fdal ta' Ġorġ il-qaddis Martri".

Fil-kotba, l-ewwel darba li jissemma San Ġorġ hija fid-Degriet tal-Papa San Gelasju, imxandar f'Ruma fis-sena 494 w.K. F'dan id-Degriet il-Papa jimna' l-qari ta' ktieb li kien jismu "Passio Georgii" jiġifieri: "Il-Passjoni S. Ġorġ" li kien jinqara fil-knejjes u li kien fih ħafna ħrejjef fuq il-qaddis, kif qal il-Papa, miktub min-nies bla magħrufa, li jġiegħlu 'l min jidħak u jwaqqa' għaċċajt id-Din Nisrani fost dawk li ma kenux Insara. Mena' wkoll ħafna qari ieħor ta' dik ix-xorta, imma fid-Digriet isemmi biss b'isimhom il-ktieb ta' San Kiriku u ommu, Santa Ġuditta, u l-Passjoni ta' San Ġorġ.

Insemmu hawn wieħed biss mill-għeġubijiet miżjuda li fil-ktieb tal-Martirju hemm miktuba fuq San Ġorġ. Dan hu: lil San Ġorġ sallbuħ ma' salib u l-manigoldi ċarrtulu ġismu kollu bi mxat tal-ħadid. Wara dan niżżluh missalib u daħħluh ġewwa makna bis-skieken li qattagħtu kollu biċċiet-biċċiet. Dawn il-biċċiet xeħtuhom ġewwa bir u fuq il-bir qegħdu ħaġra kbira. Dak il-ħin għamlet teħżiża u l-iġbla bdew jinqalbu u fuq id-dinja waqgħet dalma. Imbagħad niżel Kristu mis-sema ġewwa karru tan-nar u waqaf ħada l-bir u amar lill-Anġlu Grabiel li jaqleb il-ħaġra minn fuqu, u jinżel fih u jġib il-biċċiet tal-ġisem ta' San Ġorġ. L-Anġlu ġiebhom u Kristu nefaħ fuqhom u għaqdu ma' xulxin u San Ġorġ reġa' sar ħaj u qawwi sħiħ.

Billi, kif għidna, l-istorja ta' San Ġorġ miżjuda bi ġrajjiet imgħaġġba, li m'humiex minnhom, hija ħaġa tajba, jekk jista' jkun, li wieħed jagħżel dak li hu minnu minn dak li ma hux. Jekk naqtgħu barra l-ġrajjiet tal-għaġeb, insibu li l-istorja tiegħu hija, bejn wieħed u ieħor din:

San Ġorġ twieled f'Lidda, il-Palestina, għal-ħabta tal-aħħar nofs tas-seklu II w.K. Kien iben ta' raġel għani u f' żogħżitu kien xi ħaġa - suldat jew fizzjal - fit-tajfa Rumana. Kif kien im-

siefer mat-tajfa, u kien jinsab xi mkien fejn illum jgħidulu t-Turkija, waslitlu l-aħbar li missieru miet u għal hekk bagħtuh lejn art twelidu, l-Palestina. Dak iż-żmien, il-ħakem Ruman tal-Persja, li kien jismu Dadjanu, jew Daċjanu, jew Tazjanu (għax fil-kotba tal-antik daqqa msemmi hekk u daqqa hekk) kien ħa jaħqar lill-Insara, u kif kienu jagħmlu dak iż-żmien, kien ħareġ amar li kull ħadd kellu jagħti qima lill-allat, Heraklis u Apollon, biex l-Insara jew jiċħdu l-Kristu, inkella jmutu għalih. F'Lidda wisq Insara qagħdu għall-amar u ħarqu l-bħur quddiem l-allat pagani, għax beżgħu juru ruħhom x'kienu. Għal hekk, kif San Ġorġ kien jinsab Lidda u ra dan kollu, ġabar il-ġid li kien ħallielu missieru u ferrqu lil foqra, u mar minn rajh quddiem il-qadi ta' dik il-belt u stqarr li hu Nisrani. Il-qadi għall-ewwel beda jżiegħel bih biex jagħti qima lill-allat bħannies l-oħra, imma San Ġorġ b'xejn ma ried jisma'. Għal hekk il-qadi qata' qalbu u amar li jagħtuh it-torturi f'nofs il-misraħ tal-belt.

San Ġorġ, bid-demm nieżel minnu, baqa' jżomm jiebes u jfaħħar lil Kristu. Għadd kbir ta' Insara, li qabel kienu beżgħu, issa għamlu bħal San Ġorġ, u marru minn rajhom jistqarru li huma Insara. Għadd kbir ta' Pagani wkoll, jaraw lil dawk in-nies imutu ferħana, marru sabu lil min jgħammidhom u ġew jiġru jistqarru li huma Nsara. Fost dawn kienet hemm Xandra, il-mara tal-qadi ta' Lidda. Lil din bdew jagħtuha t-torturi ukoll imma metitilhom qabel ma laħqu qatgħulha rasha. Lil San Ġorġ, fl-aħħar, wara ħafna moħqrija, qatgħulu rasu wkoll. Dan kien fit-23 t'April tas-sena 303 w. Kristu.

Billi San Ġorġ bil-qlubija u t-twemmin tiegħu ħarbat ix-xogħol tal-qadi, li għal ħżunitu kien magħdud bħala bhima, beda jingħad li San Ġorġ għeleb il-bhima, jew "dragun". U billi ħeles minn taħt idejh liż-żagħżugħa Xandra, għax għamilha Nisranija u rebbaħha l-ġenna, ingħad li kien ħeles xebba minn dufrejn id-"dragun". U n-nies it-tix-



**Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ.**
**Pittura fil-Kor tal-Knisja ta' Ħal Qormi.**

biħa ħasbuha ġrajja minna u bdew jgħidu li San Ġorġ ħeles xebba minn "dragun", bħal ma Perseus kien ħeles mis-serp tal-baħar ta' Ġaffa lil Andromeda.

Għedna qabel li wara San Ġorġ ta' Lidda kien hemm Ġorġ ieħor, ta' Lixandra li kienu ħatfuh u qatluh ġemgħa ta'nies, li mbagħad tħawwad mal-qaddis. Hawn sa ngħidu wkoll fuq fuq il-ġrajja ta' dan.

Ġorġ l-ieħor twieled f'belt jisimha Epifanja, fiċ-Ċiliċja u kien bin raġel jaħdem il-fuħħar. Minn ċkunitu kien moħħu tajjeb u rgħib għal flus. Meta kiber kien iħobb iżiegħel bin-nies kbar biex jieħu li jrid minnhom. Wieħed ras

kbira Rumi, biex Ġorġ jaqla' l-flus, li kienu l-hena tiegħu, ħajjru jibda jrabbi l-ħnieżer, joqtolhom u jmellaħhom u jbiegħhom lit-tajfa, għas-suldati. Ix-xogħol mar tajjeb u Ġorġ qala' flus kemm ried. Imma darba nkixef li kien qiegħed iqarraq bihom u mal-laħam tal-ħnieżer kien iħalltilhom il-laħam taſ-klieb. Bagħtu jfittxuh, imma xi ħadd kien nebbħu minn qabel, għax laħaq ħarab u qabad xini u rħielha lejn Lixandra siksnijiet.

F'Lixandra ltaqa' mal-Insara 'eretki', li jgħidulhom Arjani u sar Nisrani 'eretku', bħalhom. Billi miegħu kien ħa ħafna flus, xtara qatiegħ kotba u rawwam bibljoteka kbira ġmielha u ħa l-isem li kien raġel mill-aktar għorrief. Għal hekk, meta l-Arjani seħħilhom li jkeċċu lill-Isqof Sant'Atanasju minn Lixandra, għażlu lilu b'Isqof minn bdielu. Dan kien għal ħabta tas-sena 336. Malli Ġorġ, l-Isqof 'eretku' ra li kellu siequ fil-falka, beda jagħfas lin-nies ta' taħtu, Pagani u Nsara, u jisloħ minnhom flus, bis-sewwa jew bid-dnewwa. In-nies ta' Lixandra xebgħu minn dak il-għaks, għal hekk darba għamlu għalih u għal sħabu, Djodoru u Drakonzju, u karkruhom u għalquhom f'ħabs. Ftit jiem wara ġemgħa kbira ta' nies ħabtu għal ħabs, kissru l-bieb, ħarġu minn hemm lil Ġorġ u lil sħabu u qatluhom u ħarquhom barra t-triq.

Żmien wara, ħafna 'eretki' qalbu Kattolki. U billi Ġorġ, l-Isqof Arjan kien magħdud fosthom bħala Martri, baqgħu jagħtuh qima bħala qaddis. Hekk, billi kien hemm żewġ Ġorġijiet Martri, Ġorġ it-tajjeb u Ġorġ il-ħażin, l-Insara bdew jitfixkluhom, u ma jagħ-żlux lil Ġorġ l-Isqof 'eretku' minn Ġorġ il-Kattolku, li kien suldat.

Imma ż-żejt jitla f'wiċċ l-ilma. U bit-tiftix ta' nies għorrief, deher ċar li qabel Ġorġ ta' Lixandra, kien hemm Ġorġ il-Martri, qaddis tas-sew.

ELSIE

(Ħaż-Żebbuġ, Marzu, 1958)

---

# IL-FRANĠISKANI FIL-PALESTINA

Dak li llum nafuh b'San Franġisk t'Assisi, fil-bidu ta' żogħżitu, kien xebb mogħti għax-xalar u l-ħala ta' flus. Għal hekk, meta Alla għajjatlu għal ħajja qaddisa, il-bidla tiegħu kienet bħala diwja jew 'reazzjoni'', tal-ħajja li kien jgħaddi qabel. U mill-ikel u x-xorb żejjed, taha għas-sawm; mix-xalar taha għat-tewba, u mill-għana taha għal faqar. U ried fuq kollox jitgħarras mas-Sinjura tal-Faqar, li bit-Taljan ta' żmienu, kien isemmiha ''Madonna Povertà.

Din ix-xewqa ta' San Franġisk li jingħaqad għal kollox mal-Faqar, seħħet fil-misraħ t'Assisi, meta ċaħad għal kollox il-ġid ta' missieru, u saħansitra taħ il-ħwejjeġ ta' fuqu. Hekk San Franġisk sar tas-sewwa għalim jew 'dixxiplu' ta' Ġesù Kristu. U bin-nif-diet tal-imsiemer u tal-lanza li qala' mis-sema, sar l-eqreb xbiha u l-għeż-eż ħabib, minn rajh, ta' Ġesù Msallab. Riedet tkun il-ħila ta' Dante Alighieri u t-tqanqil u l-ħeġġa ta Hubertu ta' Casale biex jingħata ħjiel ta' din il-ħaj-ja, imħeġġa u mixgħula, u mimlija bit-tbatijiet tal-Golgota, u ried ikun is-Sabatier li bil-kitba tiegħu fisser sewwa din ix-xenqa Franġiskana.

Billi dak iż-żmien l-Ewropa kollha kienet imħeġġa għal fidwa tal-Art Imqaddsa minn idejn il-Misilmin, u għal dan il-għan kienet tibgħat is-suldati

tagħha imsejħa bit-Taljan 'Crociati', jiġifieri Salibijin,, San Franġisk ma satax jibqa' barra u ma jiddaħħalx f'dik iċ-ċaqliqa tal-Insara, u għal hekk il-għajnejn u l-qalb tiegħu ma setgħux ma jinġibdux lejn il-pajjiż ta' Ġesù.

Fis-sena 1219 il-gwerrieri Insara dawwru l-belt ta' Damjietta, li dak iż-żmien kienet il-muftieħ tal-Eġittu, li, kieku ħaduha kien ikollhom taħt idejhom il-wetgħat tan-Nil u t-toroq tas-Surija u tal-Palestina. Jacques de Vitry li kien hemm mal-Insara u kiteb dak li ra, fil-ktieb tiegħu "Historia Occidentalis", niżżel fuq San Franġisk dan il-kliem: "Aħna rajna jasal ir-Raħeb Franġisku, dak li waqqaf l-Ordni tar-Rhieb iż-Żgħar, raġel fqir u ta' ftit kliem, imma għażiż bil-bosta għal qalb t'Alla u tal-bnedmin".

Imma San Franġisk ma kienx issieħeb mas-Salibijin, bħal ħafna nies oħra, biex jixxettel hu, fuq il-ħerba li kien iħalli warajh is-sejf. San Franġisk mar biex ikun id-dawl tal-gwerrieri Insara. U għal hekk meta huma ma riedux jisimgħu, huwa għadda għan-naħa l-oħra u mar fil-qalba tal-Misilmin. M'hux talli mar fost il-Misilmin, talli żżarda jitlob min għandhom li jħalluh ikellem lis-sultan.

San Franġisk kien sama' bis-sultan tal-Eġittu ta' dak iż-żmien, Melek il-Kamel. Kien jaf li hu raġel ta' qalb u għaqal kbir, u li ried, u kien jaf ibiġġel il-ħtiġijiet mal-ħajja. Kien jaf li dak is-sultan aktar kien iħobb il-ftehim inkella l-ġlied.. San Franġisk għal hekk għaddielu minn rasu ħsieb: la darba s-sultan huwa ta' rieda tajba, min jaf jekk biż-żgħil u bir-raj, jaqlebx Nisrani huwa u niesu, u hekk id-deni jkun safa ġid? Jewwilla fil-Qoran Ġesù ma hux imfisser bħala wieħed mill-aqwa Profeti tal-Islam? U Mirjam, Omm Ġesù, ma għandhiex fosthom qima mill-akbar? Jekk il-Misilmin isiru Nsara, l-imkejjen Imqaddsa jerġgħu jithennew bil-ġmiel u l-qima li kellhom qabel.

Iżda l-mogħdrija tal-Fqir t'Assisi ma kenitx fehmet li l-ġens tal-Misilmin huwa mfassal bħal ma fissru Dante: "alla conversione ribelle". Huma jgħidu li Allaħ tagħa lil Mosè il-Liġi, lill-Insara l-Vanġelu u lilhom tahom il-Qoran. Mosè, Ġesù u Muħammed huma Profeti t'Allaħ, u fosthom Muħammed hu l-aħħar u l-akbar, u ma hemmx Divinità ħlief Allaħ. San Franġisk daħal quddiem is-sultan u kellmu bħala ħabib. Is-sultan inġibed lejn dak il-Fqir, li ma kellu xejn mid-dinja u stagħġeb bil-qlubija tiegħu, u tah kitba minn idejh biex ħadd ma jinbxu, u la lilu, anqas lil sħabu, ir-Rhieb tal-Habel. Imma l-ħolma ta' San Franġisk, li s-sultan jaqleb Nisrani, ma seħħetx. Għal hekk, mogħni b'amar is-sultan, baqa' sejjer lejn Ġerusalem.

U minn dak iż-żmien 'il hawn għaddew aktar minn seba' mitt sena, u fost il-mewġ taż-żminijiet u t-taħbit tad-dinja u t-taħwid tagħha, l-"Orjent", jiġifieri x-Xerq, baqa' sejjer fil-mixja tiegħu, bla ma jitbiddel, iħares lejn Ulied dak ir-Raħeb Fqir li daħal fih l-ewwel darba b'amar is-sultan. U r-Rhieb Franġiskani jagħmlu l-ġid lil kull ħadd, u jitolbu minn għand Alla l-ħniena għad-dinja, u jżommu fil-qima li tixirqilhom l-Imkejjen Imqaddsa li fihom għex u miet Sidna Ġesù Kristu. Jirtu dejjem il-għelm u t-tiġrib minn ta' qabilhom; fqar u miġbura, imlaqqgħin minn kull ġens tal-Ewropa, l-Asja u l-Amerka, ma għandhom x'jaqsmu mal-pulitka ta' ħadd. Il-għan tagħhom ma hux għan ta' din id-dinja, imma l-għan tal-ħelsa tal-erwieħ li għalihom, ġewwa dik l-art, Ġesù bata u miet fuq is-salib. Bħal ma missierhom San Franġisk ċaħad il-għotjiet li ried jagħtih is-sultan,

Melek il-Kamel, hekk huma jiċħdu ukoll kull xorta ta' għana ta' din id-dinja. Il-għajnejn jixxarbu bid-dmugħ meta wieħed jaqra l-istorja tagħhom. L-Insara tal-Ewropa, b'kull ma għamlu bis-sejf, ma rebħux l-Imkejjen Imqaddsa, imma l-Franġiskani rebħuhom, bis-sliem u bil-kelma t-tajba.

Ġesù qal lill-ixirka tiegħu: "Sa nibgħatkom bħal ħrief fost id-djieb. Kunu għaqlin bħas-sriep u bla ħjiena bħal ħamiem". U l-Franġiskani, dejjem b' dan il-kliem f'moħħom, waslu fejn waslu u għamlu l-egħġubijiet. Inqatlu, bosta minnhom, bħala ħrief, imma bil-għaqal taghom, min-naħa l-waħda jew l-oħra, dejjem ġebuha fejn reduha. M'hux biss il-moħqrija ma tistax għalihom, imma anqas il-mewt.

Uħud mill-Imkejjen Imqaddsa kienu taħt idejn il-Misilmin, oħrajn kienu mħarsa minn qassisin tal-pajjiż u rħieb ta' Rit Orjentali. Il-gwerrieri tas-Salib kienu ħallew lill-Insara tar-rit Xerqi bħala sjied tal-knejjes li kienu bnew huma. Kif jgħidu l-aħħar kittieba ta' dak iż-żmien, il-gwerrieri Latini kienu ħbieb sewwa mal-qassisin Sirjani. Is-Salibijin ma kenux iżommu bħala egħdewwa tagħhom dawn l-Insara ta' Liturġija xorta oħra minn tagħhom jiġifieri, minn ta' Ruma, għal kemm marbutin mal-Papa bi rbit dgħajjef u ħafif. L-anqas ħbeberija li kien hemm kienet mal-qassisin Griegi Ortodossi, għax dawn kien jidhrilhom li huma qawwijin u kbar u għalhekk ma kellhom joqogħdu taħt ebda jedd li ġej mill-Papa, u jistmellu l-Latini u l-knisja ta' Ruma. Ir-rebħiet tal-gwerrieri Latini qarsuhom u t-twaqqif tal-Imperu Latin ta' Kostantinopli fis-sena 1204, aktar tagħhom ġewwa. Il-għan tal-Franġiskani, mela, kien ukoll li jreġġgħu lejn Ruma lill-Insara kollha tax-Xerq, li kienu tbegħdu minnha ħtija tal-pulitka bla djiena, tal-imperu ta' Biżanzju.

Il-Franġiskani lejn dan il-għan kienu xeħtu s-saħħa u l-ħsieb kollha tagħhom. Iżda l-istorja tixhed kemm kienet dgħajfa u qarrieqa r-rabta li saret, b' ħidma kbira tal-Franġiskani, fil-Konċilju ta' Lyon fis-sena 1274 u ta' Firenze fis-sena 1452. Il-Maronijin ta' Libnan biss urew qima lejn ix-xogħol tal-Franġiskani u baqgħu fidili lejn Ruma u lejn il-kbira knisja Latina. Il-Griegi, l-Armeni, is-Sirjani u l-Kaldej reġgħu nfirdu u ħadu l-qagħda li kellhom qabel, fi żmien il-għlieda l-kbira Teoloġka.

Il-Papiet bosta drabi nqdew bil-Franġiskani bħala Nunzi u Delegati għal knejjes Xerqija jew 'Orjentali'. Wieħed mill-aktar li ħadem f'din il-għamla ta' xogħol, kien Patri Griffon, Belġjan. Fis-sena 1450 kien mibgħut fost il-Maroniti ta' Libnan u raġa' kien mibgħut hemm fis-sena 1469 mill-Papa Pawlu II bil-bolla "Virtutum Deus". Kien milqugħ tajjeb wisq mill-Patrijarka ta' dak iż-żmien, Pietru, li kien iħobb wisq jieħu r-raj tiegħu. Għal hekk il-Franġiskani għandhom ġiħ kbir, li dejjem ħadmu għal għaqda ma' Ruma tal-Insara Orjentali, li kien ukoll il-ħsieb ta' missierhom San Franġisk, meta fl-Eġittu daħal ikellem lis-sultan. Ġesù beka fuq Ġerusalem, imma għamel kemm għamel, ma seħħlux iġiegħlha temmen bih u tagħmel it-tewba. F'hekk, ir-Rħieb Franġiskani, bħala ixirka ta' Ġesù, ma humiex anqas mill-Imgħallem tagħhom.

Billi ma seħħilhomx dan il-għan, ulied San Franġisk, kellhom jibqgħu fuq il-għan l-ieħor: il-ħarsien tal-Imkejjen Imqaddsa. Ma' tul is-seklu Tlittax kien hemm żewġt Irħieb Franġiskani fil-Qabar ta' Kristu, flimkien mar-Rħieb Griegi. Kellhom ukoll dar żgħira qrib il-Pretorju ta' Pilatu, ma' ġenb is-San-

twarju ta' Xmun il-Kirjani, jiġifieri ħada l-Ħames Stazjon tal-Via Sagra. Wara seħħilhom jiksbu biċċa art fuq il-għolja ta' Sijon u seħħilhom ukoll li jiksbu taħt idejhom iċ-Ċenaklu Mqaddes b'xi djar ta' ma' dwaru. Minn hemm kienu jagħtu kull għajnuna li jistgħu lill-Insara tal-pajjiż u jilqgħu liż-żawwarin li jmorru jżuru l-Art Imqaddsa, mill-Ewropa, u jaħdmu dejjem biex iġibu taħt idejhom l-Imkejjen Imqaddsa l-oħra.

Iżda, ma' tul dan iż-żmien kollu, li fih il-Franġiskani kienu weħedhom iħarsu r-Rit Latin fil-Palestina, kellhom jaħmlu wisq moħqrijiet. Gwerer, taqlib fil-politka, tixwix fost in-nies, xi ħsara li jagħmlu l-Insara lit-Torok, kull ġrajja minn dawn kienet għal Franġiskani għajn ta' tbatija. Irħieb minnhom kienu jkeċċuhom, oħrajn jixħtuhom il-ħabs, xi wħud joqtluhom, u l-koll kemm huma jaħqruhom. Imma malli t-taqbida kienet tgħaddi, araħom l-imkeċċijin jerġgħu jiġu u jġibu magħhom Irħieb oħrajn biex jimlew il-fieragħ tal-maqtula. Jerġgħu jibdew jaħdmu biex biż-żegħil jew bil-flus, jew bil-ħaġa l-waħda u l-oħra, jerġgħu jiksbu l-Imkejjen Imqaddsa li jkunu tteħdulhom. Għal dan il-għan il-Franġiskani kienu jitolbu l-għajnuna tas-slaten Insara, biex jaqbżu għalihom mas-slaten tal-Eġittu u tas-Surija. Għal dan kienu jinħarġu minn għand is-slaten dokumenti msemmija "firmani", li jagħtu lil Franġiskani, jew "Ruħban al-Ħabla" (irħieb tal-ħabel) il-jeddijiet li kellhom qabel.

B'dan ix-xogħol u t-taħbit u bit-tixrid ta' dmugħ, għaraq u demm, il-Franġiskani saħħu l-qagħda tagħhom fil-Palestina; u għal kemm, drabi, jiġi xi ftit żmien ta' kwiet u sliema, x'jinqala' warajh, ħadd ma jista' jaf.

KAPPILLAN D. ĠUŻEPP CAUCHI

## IS-SUFA

Hawn Malta, meta xi ħadd iħajjarna nixtru xi ħaġa għolja, biex nagħmlu enfasi li ma għandniex flus, inweġbuh: "Issa nbiegħ is-sufa u nixtrieha!" Jew: "Iwa, issa nbiegħ il-qmis!"

Din li "nbiegħu s-sufa", hija kelma qadima għall-aħħar. Ara kemm hi qadima, kienu jgħiduha l-Palestina u tinsab miktuba fl-Evanġelju. Mela ħalli naraw is-sufa x'inhi.

Għad baqa' ħafna rġiel hawn Malta, fir-rħula, li xitwa u sajf jilbsu franella. Il-franella tkun donnha qmis bla buttuni, tas-suf. Ir-raħħala li jkollhom in-nagħaġ aktarx li jagħmluha minn suf in-nagħaġ tal-merħla tagħhom.

Dik, fil-qedem, kienu jgħidulha s-sufa, m'hux il-franella. U kienet tkun twila sal-għarqbejn, donnha ċoqqa ta' raħeb, u kienu jilbsu lilha weħedha r-rġiel, meta ma kenux għad jilbsu qalziet. Is-sufa kienet, mela, l-aħħar ħaġa, li bniedem ma jistax jgħaddi mingħajrha. Għal hekk jgħidu b'ironija "Nbiegħ is-sufa", jiġifieri: Nbiegħ l-aħħar ħaġa li għandi; noqgħod għorwien!

Fl-Evanġelju miktuba hekk: Ġesù qal lix-xirka tiegħu: "Meta bgħattkom bla flus u bla ikel u bla ħatar, qatt ma ġralkom xejn. Imma issa (li jiena sa nħallikom) biegħu s-sufa u ixtru sejf, għax insaff is-safa! (jiġifieri: wasal il-waqt sa jkollkom taħsbu għar-raskom).

Kemm hawn kliem qadim, hux, fil-Lingwa Maltija? U aħna ngħiduh u ma nifhmuhx, u ma nintebħux bih!

"IL-GHARBIEL"

# IS-SAWM FI ŻMIEN IL-LIĠI L-QADIMA

Issa li qegħdin fi żmien is-sawm tar-Randan jixraq li ngħidu xi ħaġa fuq is-sawm fi żmien il-Liġi l-Qadima biex aktar nifhmu l-ħsieb tal-Knisja li tridna nsumu f'dan iż-żmien imqaddes.

Is-sawm bħala tgħakkis tal-ġisem li bih nitolbu maħfra lil Alla kien magħruf mijiet ta' snin qabel Kristu. Il-Lhud tal-ewwel żminijiet, aktar minn elf sena qabel Kristu, kellhom sawma waħda biss fis-sena li kienet issir f'Għid il-Maħfra, li kienet fil-jum għaxra tas-seba' xahar, jiġifieri ħabta ta' nofs Ottubru. Kienet festa kbira; l-ebda xogħol ma kien jista' jsir, u l-qassis il-kbir kien jitlob maħfra għad-dnubiet tal-poplu kollu.

Barra minn din is sawma, li r-Rabbini kienu jgħidulha "is-sawma l-kbira," kien isir sawm ieħor fi żmien ta' hemm tal-poplu. Wara l-mewt ta' Sawl il-poplu sam sebat ijiem; l-Iżraelin samu sa fil-għaxija qabel ma tqabdu ma' wlied Benjamin; is-sultana Jeżabel, f'isem żewġha, ordnat sawma bħala tpatti'a għad-dagħwa li hi waħħlet f'Nabot; il-profeta Jona ried li s-nies ta' Ninwe, għalkemm ma kenux Lhud, isumu biex jaqilgħu maħfra minn għand Alla.

Barra minn dan is-sawm pubbliku, il-Lhud kellhom is-sawm privat. Minn rajh kulħadd kien jista' jsum kemm irid u meta jrid barra mill-festi. Waħda mil-liġijiet qodma kienet din: "Jekk mara tintrabat b'wegħda li ssum, żewġha jista' jħassrilha l-wegħda". Din ma kenitx sawma tal-liġi li ma kien jista' jħassarha ħadd, imma sawma b'wegħda li l-mara tagħmel minn rajha. Hekk naqraw li David sam biex jaqla' l-fejqan ta' ibnu tarbija. Is-sultan Aħab sam biex jeħles mill-kastig ta' Alla. Ester samet biex titlob 'l Alla jeħles il-poplu tagħha.

Dan sa żmien il-jasar ta' Babel. Meta l-Lhud reġgħu lura lejn arthom minn Babel (sena 536 q.K.) żiedu ħafna sawm ieħor fil-liġi tagħhom. Il-profeta Zakkarija jsemmi s-sawm tar-raba' xahar (Ġunju - Lulju), tal-ħames xahar (Lulju - Awissu), tas-seba' xahar (Settembru - Ottubru), tal-għaxar xahar (Diċembru - Jannar). Kien hemm ukoll is-sawma li kienet issir b'tifkira tal-ħelsien tal-Lhud fi żmien Ester. Fi żmien Kristu l-Lhud kellhom aktar minn sawma kull xahar. Is-Sinedriju, jew il-Gvern tal-Lhud, żied sawm ieħor. Il-Lhud devoti, u fuq kollox il-Fariżin, kienu jsumu minn rajhom darbtejn fil-ġimgħa, bħalma naqraw fil-parabbla tal-Fariżew u l-Pubblikan. Id-dixxipli ta' Ġwanni l-Battista kienu jsumu wkoll, imma d-dixxipli ta' Kristu ma kenux. Fl-istorja tan-nawfraġju ta' S. Pawl naqraw li meta l-ġifen kien għadu fl-inħawi ta' Ċipru, kien għadda s-sawm jiġifieri s-sawma l-kbira ta' nofs Ottubru. U dan igħnna biex nagħarfu f'liema ħabta tas-sena ġie San Pawl f'Malta.

Dan hu s-sawm tal-Lhud mill-bidu sa żmien Ġesù Kristu. Naraw issa kif kien isir. Is-sawm l-aktar komuni kien ta' erbgħa u għoxrin siegħa, minn fil-għaxija sal-għaxija 'fil-għaxija. Ma kien jittieħed l-ebda ikel u ebda xorb. Xi għorrief tal-komma wiesgħa kienu jgħidu li bil-lejl wieħed kien jista' jiekol, bħalma jagħmlu l-Misilmin. Xi drabi s-sawma kienet iddum aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa. Ester

sawmet għal tlitt ijiem u tliet iljieli. Is-sawm ta' erbgħin jum ta' Mosè, Elija u Ġesù Kristu għandna nqisuh bħala miraklu. Fis-sawm barra milli wieħed ma kienx jiekol u jixrob, wieħed iken jiċċaħħad ukoll minn kull ma jogħġbu u jagħtih pjaċir, ngħidu aħna ħasil, dlik bil-fwejjaħ, ilbies sabiħ. Xi drabi wieħed saħansitra kien jitfa' r-rmied fuq rasu, jimxi b'rasu mgħadd-sa lejn l-art u ma jsellimx lill-ħbieb li jiltaqa' magħhom. San Ġlormu jikteb hekk fuq is-sawm tal-Lhud ta' żmienu: "Jibku, jimxu ħafjin, jitmiegħku fit-trab u fir-rmied u jorqdu fuq xkora." Fil-festi ma kienx isir sawm, bħalma anqas ma jsir fil-Liġi tagħna.

Ġesù Kristu ma riedx jorbot id-dixxipli tiegħu mal-liġijiet tas-sawm imdaħħlin mill-għorrief Lhud. Dawn huma liġijiet tqal wisq biex l-bniedem jiflaħ jerfagħhom. Is-sawm kien penitenza, imma waqt li Kristu, l-Għarus tal-Knisja, kien magħhom kien żmien ta' ferħ mhux ta' penitenza. Jiġi żmien meta Kristu ma jkunx aktar magħhom, imbagħad isumu. Ġesù qal ukoll li hemm xjaten li ma joħorġux mill-bniedem ħlief bis-sawm u bit-talb. Imma meta nsumu ma għandniex nuru li aħna sajmin bħalma jagħmlu n-nies ta' żewġ uċuħ. Il-drawwa tas-sawm daħlet fost l-ewwel insara u baqgħet fil-Knisja sal-lum.

P.P. SAYDON.

# IL-ĠIMGĦA L-KBIRA F'ĠERUSALEM

Hawnhekk ma aħniex sa ngħidu x'isir f'Ġerusalem matul il-Ġimgħa l-Kbira kollha, minn Ħadd iż-Żebbuġ sal-Għid il-Kbir, għax biex tagħmel dan trid ħafna wisa' u żmien. Sa naraw fuq fuq x'isir il-Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira biss.

Il-Ħamis ix-Xirka fil-għodu, ġewwa l-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, u quddiem il-Qabar Imqaddes sewwa, issir quddiesa kbira bil-mużka, fuq artal tal-għewied miksi bil-fidda, bil-kandlieri tal-fidda u l-vażuni u l-fjuri ta' ġewwa fihom tal-fidda wkoll. Iqaddes Pontifikal il-Patrijarka ta' Ġerusalem u fil-quddiesa jbierek iż-Żejt Imqaddes. Wara l-quddiesa issir purċissjoni li fiha jduru għal tliet darbiet mal-Qabar ta' Kristu bis-Sagrament Imqaddes u wara jqiegħduh ġewwa l-Qabar f'tabernaklu tal-fidda, imdawwar bix-xama' jixgħel u l-ward. Wara nofs inhar isir il-ħasil tar-riġlejn ġewwa l-Bażilka, quddiem il-Qabar ta' Kristu, mill-Patrijarka wkoll. Qabel il-quddiesa il-Misilmin jiftħu l-knisja sakemm jidħlu n-nies u jerġgħu jagħlquha; jerġgħu jiftħuha wara l-quddiesa u jagħlquha malajr wara nofs inhar.

Il-Ħamis ix-Xirka, fl-4 ta' wara nofs inhar, il-Franġiskani ma' kotra kbira ta' Insara minn Ġerusalem, imorru jżuru l-Imkejjen Imqaddsa li hemm fuq l-Għolja ta' Sijon, li hija biċċa mill-belt infisha, inħawi mibnija u nħawi egħlieqi ta' l-oqbra, ta' l-Insara (Latini Grieġi u Armeni) u tal-Misilmin.

Fl-4 mela, il-Franġiskani joħorġu mid-Dejr il-kbir tagħhom ta' San Salvatur u jiġbdu lejn Bab il-Halil, ma' qatigħ Insara li jkunu jistennewhom barra d-Dejr. Jgħaddu minn quddiem bini kbir u qadim, fejn dari kien il-Qasar jew *Palazz* ta' Erodi u jitilgħu lejn ix-xellug. Jibqgħu sejrin minn triq dejqa u joħorġu minn wieħed mill-bibien tal-belt, li jgħidulu Bab

id-Daħud; hemm jinsabu tliet toroq: tal-lemin tieħu għal barra Bab il-Ħalil; tax-xellug tinżel għal Wed ta' Gożafat, u ta' quddiem għaċ-Ċenaklu.

Jibqgħu sejrin 'il quddiem u jaslu f'misraħ żgħir magħluq bejn id-djar tal-Għarab u l-Knisja tar-Rħieb Benedittini Ġermaniżi. F'dan il-misraħ ikun hemm ukoll jistennew għadd ieħor kbir ta' Nsara, mill-Palestina u minn kemm il-ġens ta' l-Ewropa, fosthom qassisin u rħieb u tfal ta' l-iskejjel ukoll. Jidħlu fid-dar fejn hemm du Missierna, Sliema u Glorja għall-qligħ tal-Maħfriet jew *Indulġenzi*. Imbagħad min irid joħroġ u min irid joqgħod ftit hemm u jitla' minn xi sitt targiet għal ġewwa kamra oħra żgħira jgħidulha ta' Ruħ il-Qodos, tifkira ta' nżul tagħha fuq l-Appostli Wara naqra kulħadd jinżel minn taraġ ieħor u joħroġ minn hemm.

Miċ-Ċenaklu jmorru jagħmlu żjara lill-Knisja tal-Benedittini, li semmejna qabel, mibnija fuq l-imkien fejn kienet id-dar li fiha mietet, jew raq-



Iċ-Ċenaklu Mqaddes, fejn Ġesù għamel l-aħħar ikla tal-Għid mal-Appostli, awl il-lejl qabel ma miet, u ħallielhom l-Akbar Tifkira.

iċ-Ċenaklu, l-ewwel il-Franġiskani u warajhom in-nies. Jgħaddu minn ġo kamra kbira ta' barra, jiġu f'bitħa u fuq ix-xellug hemm taraġ li jitilgħu minnu għal fuq bejt. Fuq il-bejt hemm għorfa, u l-Lhudi li jagħmel minn dik id-dar jiftaħ il-bieb tagħha. Hemm huwa ċ-Ċenaklu, u l-Franġiskani u n-nies jidħlu fih.

Raħeb Franġiskan jilbes l-ispellizza u l-istola u jgħid *Dominus vobiscum* u jaqra l-Evanġelju fejn jissemma l-Ħasil tar-Riġlejn u t-Twaqqif ta' l-Ewkaristija, imbagħad igħid *Antifna*, *Versett* u *Oremus*, bil-Latin. Warajh, Franġiskan ieħor jaqra kollox bħalu imma bil-lsien Għarbi. Wara dan igħidet għal ftit ħin il-Madonna. Joħorġu minn hemm u jgħaddu mit-triq li għaddew minnha qabel u jidħlu f'Dejr ta' l-Armeni fejn kienet id-dar tal-qassis Kajafa. Hemm knisja żgħira Armena u l-mejda tal-artal tagħha magħmula min-nofs ħaġra mdawra donnha ħaġra ta' mitħna. L-Armeni jgħidu li dik hija l-ħaġra li kienet tagħlaq il-bwieba tal-qabar ta' Kristu. Jista, jkun li hekk u jista' jkun ukoll li ġiebuha minn xi qabar ieħor, għaliex oqbra bil-ħaġra mdawra kien hemm u għad hemm issa wkoll fl-inħawi ta' Ġerusalem.

Barra mill-knisja hemm siġra taż-żejtun li l-Armeni jgħidu li kienet hi



**Il-faċċata tal-Bażilka tal-Agonija, fil-Ġnien tal-Ġetsemni, fejn issir tliet siegħat Sahra Ħamis ix-Xirka bil-lejl.**

li rabtu magħha lil Ġesù sakemm iqum il Qassis il-Kbir li kien rieqed. Dan imma ma jistax ikun għax is-siġra hija siġra żgħira ħafna, u l-Passjoni ġrat ilu ftit anqas minn elfejn sena.

Minn hemm joħorġu u wara ftit jidħlu mill-ġdid fil-belt minn Bab id-Daħud (dak li semmejna l-ewwel) u jgħaddu fid-Dejr il-kbir ta' l-Armeni, fejn hemm żewġ knejjes: fejn kienet d-dar tal-qassis Ħanna u fejn il-Lhud qatgħu ras San Ġakbu, ħu San Ġwann l-Evanġelista. Il-bieb ta' l-ewwel knisja qadim ħafna u mnaqqax bi slaleb u weraq, f'disinji sbieħ. Fit-tieni knisja hemm rokna, wara l-artal, li fiha mal-ħajt, ġewwa l-ħġieġ, hemm xbieha ta' ras S. Ġakbu, maqtugħa, b'għajnejh magħluqa. Hemm igħidu li hu l-imkien sewwa li fih il-Lhud qatgħu ras il-qaddis b'amar ta' Erodi, u dan jista' jkun ħafna għax hemm kien tassew il-ġnien tiegħu.

Ħada l-bieb tal-knisja, magħluqin ġewwa xibka tal-ħadid l-Armeni juru tliet ħaġriet kbar. Igħidu li waħda minnhom ġiebuha minn fuq Sijon, l-oħra minn fuq it-Tabor u t-tielet waħda mill-qiegħ tax-xmara tal-Ġurdan.

Minn hemm imorru jżuru knisja oħra żgħira u fqira, il-knisja tas-Sirjani, fejn jingħad li kienet id-dar ta' Marija

omm Ġwanni Marku, fejn kienu magħluqin l-Insara meta lil San Pietru xeħtuh il-ħabs. Hemm San Pietru mar jħabbat il-bieb meta l-Anġlu ħelsu, kif inhu miktub fl-Atti ta' l-Appostli (k. XII, vv. 1-19). Fuq l-artal hemm xbieha tal-Madonna li bħal tal-Mellieħa ta' Malta, jingħad li San Luqa sawwarha b'idejh.

Dak il-ħin ix-xemx tkun tbaxxiet sewwa u d-dellijiet jimlew it-toroq ta' Ġerusalem. Għalhekk il-Franġiskani jerġgħu lejn id-Dejr ta' San Salvatur u n-nies imorru lejn djarhom, jew lejn il-lukanda, jekk ikunu barranin.



Ġewwieni tal-Bażilka tal-Agonija, fil Ġnien tal-Ġetsemni, Quddiem l-artal: Il-Blata li fuqha Ġesù għaraq id-Demm.

* * *

Ħamis ix-Xirka ġewwa l-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu ssir l-Adorazzjoni n-nhar u l-lejl kollu. Il-Bażilka tkun magħluqa, imma fis-sebgħa ta' fil-għaxija l-knisja tiftaħ għal ħames minuti biss, biex min irid jidħol jgħaddi l-lejl hemm. Ftit jidħlu nies, għaliex biex tgħaddi l-lejl hemmekk trid tbati ħafna. Ġewwa l-Edikla, fejn ikun hemm is-Sagrament ikun hemm is-sħana, għax ikun hemm ħafna xama' jixgħel (u fwieħa ta' ward, li jkun imżejjen bih il-Qabar ta' Kristu), imma barra jkun hemm il-kesħa. Hemm ġew ma tistax toqgħod il-lejl kollu, għax trid toqgħod għarkubbtejk, u l-għadam tagħhom jibda jugħġa. Jekk toħroġ minn hemm u toqgħod bil-qiegħda fuq xi tarġa, għax siġġijiet jew bankijiet ma jkunx hemm, tibda taqbeż bil-bard. Jien li qiegħed nikteb, darba għamiltha, u ma ħassejtx bard bi ftit, għalhekk qtajt li ma narġax.

Fis-sebgħa u nofs, il-Ħamis ukoll, tibda s-Sahra u l-Adorazzjoni fil-Bażilka tal-Ġetsemani. Hemm imorru kotra kbira ta' nies, li l-Bażilka tkun mahnuqa. Dawl ikun hemm ftit għax jinxtegħel xama' biss u bozoz żgħar ħomor, biex ifakkru l-qtar tad-demm ta' l-Agunija ta' Ġesù. Ikun hemm armonju u l-Franġiskani u t-tfal ta' l-

iskola tagħhom ikantaw kant ta' niket. Il-Kurat tal-Parroċċa ta' San Salvatur jaqra l-Evanġelju ta' l-Agunija bil-Latin u bil-Għarbi u wara kull qari jkun hemm xi ħames minuti skiet. Jekk tidħol fil-Bażilka dak il-ħin tistħajlek li dħalt fil-knisja tal-fatati, għax tara kotra kbira ta' nies u ma tismax ħoss ta' nifs u anqas tara lil ħadd jitħarrek. Wara s-skiet ikun hemm il-kant kiebi mill-ġdid. Fil-Bażilka, quddiem l-artal hemm il-Blata li fuqha Ġesù għaraq l-għaraq tad-demm. Tistħajlek qiegħed taraħ. Imkien ieħor ma tħoss il-għafsa ta' qalb bħal ma tħossha hemm ġewwa dak il-ħin. Meta jeħilsu kollox, wara xi tliet siegħat, in-nies ġeġwiġija waħda joħorġu mill-jitilgħu lejn Ġerusalem.

Bażilka u jaqsmu l-Wied ta' Kidron u

* * *

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira fis-sitta u nofs ta' fil-għodu, ikun hemm quddieda kantata fil-Bażilka tal-Qabar, fil-kappella ta' fuq il-Blata tal-Kalvarju. Il-kappella tkun marsusa bin-nies. Jitkanta l-Passju ta' San Ġwann u fl-aħħar id-Djaknu jieħu l-ktieb u joqgħod għarkubbtejh fejn il-ħofra tas-salib u jkanta bil-qajl: *et inclinato capite HIC tradidit spiritum.* Jiġifieri: "HAWNHEKK mejjel rasu u ħarġet ruħu".

Imbagħad jitkantaw l-*Improperi* u




**It-Triq tal-Vija Sagra, minn għand Pilatu sal-Kalvarju, li minnha għadda Ġesù mgħobbi s-salib. Mit-tieni stazzjon sat-tielet: niżla. Mit-tielet sal-ħames: triq watja. Mill-ħames sat-tnax: dejjem telgħa.**

ssir il-kixfa tas-Salib, bħal ma ssir ukoll fil-knejjes hawn Malta, imma hemm issir fuq il-Kalvarju, fejn dik il-funzjoni saret l-ewwel darba, meta Santa Liena sabet il-Għuda tas-Salib. Wara n-nies imorru tnejn tnejn ibusu s-Salib li jkun mimdud fuq imħadda.

* * *

Wara nofs inhar, fis-siegħa, innies tinġabar ħdejn il-Qorti ta' Pilatu, il-lum skola tal-Misilmin. Malli jaslu l-Franġiskani kulħadd jitla' r-rampa u jidħol fil-bitħa ġewwa, minn bieb kbir tal-ħadid. Hemm issir l-Ewwel Stazzjon tal-Vija Sagra. Mhux għax Pilatu lil Ġesù qatagħhielu għall-mewt hemm ġew, imma biex il-Franġiskani u l-Insara jżommu l-jedd li jistgħu jidħlu. Pilatu qatagħha għall-mewt lil Ġesù, barra, fin-naqra ta' Forum, jew *Litho-Strotos*. Hemm ġew tkellem ma' Ġesù biss, biex jara x'kien u ma kienx. Issir l-Ewwel Stazzjon u r-Raħeb Franġiskan jagħmel priedka qasira, wieqaf fuq siġġu kbir, li jġorru minn Stazzjon għall-oħra, fuq rasu, wieħed Għarbi Nisrani. Joħorġu minn hemm u jagħmlu t-Tieni Stazzjon barra fit-triq, dejjem bil-priedka żgħira fuq is-siġġu. It-Tielet Stazzjon issir f'salib it-toroq. Ir-Raba' ftit 'l hemm minnu. Il-Ħames, fil-bidu tat-telgħa, u f'xi nofs it-telgħa, is-Sitta. F'salib it-toroq, fuq, issir is-Sebgħa Stazzjon. Ftit 'il fuq issir it-Tmienja, u n-nies jerġgħu jduru 'l isfel, għax ma hemmx triq minn hemm għall-Kalvarju. Jimxu ftit, jitilgħu taraġ u jidħlu fi sqaq, u fit-tarf tiegħu jagħmlu d-Disgħa Stazzjon. Joħorġu mis-sqaq, jinżlu t-taraġ u jmorru lejn il-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, fejn jinsabu l-aħħar Ħames Stazzjonijiet.

* * *

Fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar, isiru t-*Tniebri*, u fis-sebgħa ta' fil-għaxija, meta jkun dalam, issir Purċissjoni ġewwa l-Knisja nfisha, b'salib kbir, b'sura ta' Ġesù msallab fih. Tibda mill-kappella tal-Franġiskani u tintemm fil-Qabar ta' Kristu, u kull fejn tieqaf issir priedka b'xi lsien. Fuq it-taraġ tal-kappella, priedka bit-Taljan; quddiem il-Ħaġra tal-*Improperi* bil-Grieg; ħada l-Ġiebja tas-Salib, bil-Ġermaniż. Fuq il-Kalvarju, fl-artal tal-lemin, bl-Ingliż, u n-naħa tax-xellug, bil-Franċiż. Kif jinżlu l-Kalvarju, priedka bil-Għarbi, u fl-aħħar, quddiem il-Qabar ta' Kristu, priedka oħra bl-Ispanjol. Meta jkunu fuq il-Kalvarju, jaqalgħu s-sura ta' Ġesù msallab mis-salib u jerfgħuha f'liżar erba' Djakni. Isfel, iroxxu fuqha trab tal-fwieħa u jeħduha u jqegħduha ġewwa l-Qabar. Il-Purċissjoni tintemm hemmhekk, u l-Misilmin jiftħu bieb il-Knisja u kulħadd imur lejn id-dar.

Ħanna l-Malti.

---

**R.I.P.** — B'għafsa ta' qalb inħabbru l-mewt tal-ħabib tagħna r-**Rev.mu Mons. Kan. Ġużeppi Cefai,** Kantur tal-Kattidral t'Għawdex li ġrat fid-9 ta' Jannar 1958, għoxrin jum sewwa wara l-mewt ta' oħtu s-Sinjorina Marija Anna Cefai.

Kellu 84 sena. Saċerdot għaref u qalbieni, mal-ġieħ tal-Mulej fittex dejjem inibbet fi qlub l-insara l-qima lejn il-Madonna Assunta, meqjuma fis-Santwarju tagħha ta' Pinu, li tiegħu għal ħafna snin kien il-Mexxej. **Mulej, agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.**

# IT-TWAQQIF TAL-KUMMISSERIJA TA' L-ART IMQADDSA F'MALTA

Jekk, mit-Triq ta' San Pawl, tidħol fi-Kunvent ta' Ġieżu tal-Belt, u tilwi mal-kurridur il-kbir għan-naħa tax-xellug, ġewwa nett, ħada t-taraġ, tara bieb kbir u fuqu salib aħmar b'erba' slaleb żgħar fl-erba' rokon tiegħu, u kitba: *Commissariatus Terrae Sanctae.* Hemm ġew hemm naqra ta' kunvent barrani maqtugħ għalih, li ma jagħmilx mal-Provinċja ta' Malta, iżda mal-Kustodja ta' Ġerusalem. U hemm jinsabu: uffiċċju, librerija żgħira, naqra ta' arkiv'u, u farka ta' mużew ta' l-antkità. U fuq, matul taraġ, ħafna ċelel, fejn il-Franġiskani li jkunu sejrin lejn il-Palestina jew ġejjin minnha, jistgħu jistrieħu ftit, qabel itemmu s-safar. Dan il-kunvent ċkejken jew Kummisserija, għandu nitfa ta' storja li sa ngħiduha fuq fuq.

* * *

Meta twaqqfet il-Kummisserija ta' l-Art Imqaddsa fil-Kunvent ta' Ġieżu tal-Belt, ma hux magħruf sewwa sew, imma aktarx kien fis-sena 1636. Għax fil-qagħda alanija tal-"Propaganda Fide", f'Ruma, fis-7 ta' Lulju ta' dik is-sena, żewġ Kummissar'i ta' l-Art Imqaddsa, Patri Pawl ta' Madrid u Patri Binnard ta' Castillo, fost ħwejjeġ oħra talbu biex jingħata amar lill-Gwardjani tal-Kunventi, fejn hemm il-Kummissarji ta' l-Art Imqaddsa u ma kellhomx taqsima tagħhom, li jingħatawlhom ċelel għal sħabhom, fejn jistrieħu ftit waqt is-safar. U din it-talba kienet milqugħa mill-"Propaganda Fide", li qatgħet li għandu jsir hekk.

Huwa magħruf ukoll minn ittra miktuba minn Malta minn idejn Patri Anton ta' Virgoletta, fl-24 ta' Settembru 1637, li f'Malta kien jinsab minn xi żmien Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa u li kien jismu Patri Arkanġlu, u li kien qiegħed jagħned biex iwaqqaf taqsima għal Missjunar'i, bħal ma kien imwissi minn Ruma li għandu jsir. L-ittra mibgħuta lill-Kardinal Prefett tal-"Propaganda", Antonio Barberini, u tgħid dan il-kliem li ġej:

"Tkun imgħarrfa s-Sinjurija Tiegħek bil-marda ta' Patri Antonio ta' Pescopagano, u b'kemm qiegħed jaħdem il-Patri Arkanġlu ta' Malta, Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa. Ma jistax wieħed jfisser b'kemm ħniena jieħu ħsieb ir-Rħieb kollha ta' Ġerusalem u kemm jiswa lill-Art Imqaddsa, billi jaħseb għall-ikel u għas-safar tagħhom, għad li ma għandux flus għajr dawk biss li jiġbor minn Malta. Mhux biss dan, imma wkoll tagħa seba' mitt skud lill-Prokuratur ta' Messina,u b'hekk ingħafas hu, u ħaduha miegħu r-Rħieb l-oħra ta' Malta, li jaħsbu biss għal dak li jaqbel lilhom. u jagħmlu kemm 'istgħu biex ifixklu dan il-ġid. Qiegħed nikteb dan biex il-"Propaganda" tkun imgħarrfa bil-ġrajja, l-aktar issa li wasallu l-amar minn Ruma li ,jibni żewġ kmamar għar-Rħieb ta' l-Art Imqaddsa. U meta semgħu b'dan ir-Rħieb l-oħra hedduh li jkeċċuh 'il barra minn Malta. Naf imma li għandu min iħami għalih billi jarawh daqs hekk tal-ħsieb u ta' qalb tajba" (Golubovich: "Biblioteca di T.S.", tomo I, faċċata 66). Minn din l-ttra jidher ċar li l-amar kien wasal minn Ruma wara t-talba li kienu għamlu P. Pawl Madrid u P. Binnard Castillo.

Minn memorjal ieħor hu magħruf

ukoll li kien wasal amar minn Ruma lill-Patri Gwardjan tal-Kunvent tal-Belt, biex jagħti malajr erba' ċelel lill-Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa. U dawn iċ-ċelel kienu isfel, iħarsu lejn il-kurridur fejn issa hemm l-Oratorju tal-Kurċifiss. Imma billi din il-għotja saret fuq il-qalb, wara ftit il-P. Gwardjan sadd bil-ħaġar il-bibien ta' dawn iċ-ċelel min-naħa ta' ġewwa u fetaħ bwieb oħra min-naħa ta' barra, u kriehom lin-nies.

Il-ħaġa baqgħet hekk sas-sena 1640, meta kien Malta l-Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa P. Kornelju ta' Cascia, li aktarx kien mibgħut hawn mill-Kurja ta' l-Ordni. Għedna *aktarx*, għax dik is-sena nfisha l-"Propaganda Fide" kitbet lill-Inkwiżitur ta' Malta sabiex iġiegħel lil P. Kornelju jagħti l-wisa' lil P. Bonaventura, Malti, għax kien imiss lilu (Mill-Arkivju ta' l-Inkwiżitur, il-Palazz ta' l-Isqof, il-Belt).

B'danakollu P. Kornelju ma ħamilx il-għemil tal-P. Gwardjan, fuq iċ-ċelel li ħa lill-Kummissarju u kriehom lill-barranin. U billi ma għamel xejn miegħu bit-talb u l-kelma t-tajba, kiteb lill-"Propaganda Fide" l-ittra li sa nġibu hawn taħt:

"Eminentissmi u Rev.mi Sinjuri,

"Patri Cornelju ta' Cascia, Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa fil-gżira ta' Malta, jitlob li jgħarraf lill-Eminenzi Tagħkom li fil-Kunvent tal-Franġiskani ta' Ġieżu ftit ilu kienu mogħtija xi ċelel lir-Rħieb li jkunu għaddejjin lejn Ġerusalem. Imma minn xi snin 'il hawn ir-Rħieb ta' dak il-Kunvent għalqu bil-ħaġar il-bwieb ta' dawn iċ-ċelel min-naħa ta' ġewwa u fetħu bwieb għat-triq u krewhom lill-barranin. Għalhekk l-imsejkna Franġiskani ta' Ġerusalem li jgħaddu minn Malta, issa jkollhom imorru joqogħdu l-Isptar, fejn huma jiddejqu u n-nies jistagħġbu jarawhom m'humiex milqugħa minn sħabhom. Għalhekk nitlob lill-Eminenzi Tagħkom li dawk iċ-ċelel jerġgħu jingħataw lill-Kummissarju u jinfetħu l-bwieb ta' ġewwa bħal ma kienu qabel u jingħalqu l-bwieb li jagħtu għat-triq, u tingħata wkoll lill-Kummissarju l-kappella tal-Qabar ta' Kristu biex jinżammu fiha l-flus li jkollu sakemm jinbagħtu l-Art Imqaddsa."

Wara din l-ittra, il-"Propaganda Fide", fid-19 ta' Diċembru 1640, kitbet lill-Inkwiżitur ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Ġanbattista Gori-Pannellini, u amritu jwettaq it-talba ta' P. Kornelju. L-ittra hija din:

"Ill.mu u Rev.mu Sinjur,

"Minn dan li hawn miktub f'din l-ittra (*ta' P. Kornelju*) is-Sinjurija Tiegħek tifhem kemm jeħtieġu x'imkien fejn joqogħdu r-Rħieb li jkunu sejrin l-Art Imqaddsa jew ġejjin minnha, li jaħslu jgħaddu minn Malta, u wkoll it-talba li għamel il-P. Kummissarju ta' hemm lill-"Propaganda". Aħna nifhmu li ma hix ħaġa sewwa li dawk ir-Rħieb, l-aktar meta jkunu ġejjin minn Ġerusalem, għajjenin u mikduda, wara safra twila, ikollhom imorru joqogħdu l-Isptar. Għal hekk namruk tagħmel kif talab il-P. Kummissarju u nħallu f'idejk li dak li talab iseħħ, u nagħtuk is-setgħa kollha meħtieġa biex tagħmel dan.

"Nixtiqulek kull ġid.

"Antonio Barberini, Kardinal.

"Francesco Ingoli, Segretarju."

("Miscellanea", tal-Kummisserija tat-Terra Santa, il-Belt).

Għal hekk l-Inkwiżitur, fid-29 ta' Mejju 1641, bagħat lill-kanċellier tiegħu, Dun Salv Burlò, li ħa ċ-ċelel u raddhom lil P. Kornelju, Kummissarju tal-Art Imqaddsa.

Imma dawn iċ-ċelel ma damux wisq

jagħmluha ta' egħmara għar-Rħieb tal-Qabar ta' Kristu. Għax kif jidher mill-"Atti" tan-Nutar Pietru d'Armenia, fil-jum 20 ta' Frar 1630, il-Kunvent ta' Ġieżu kien xtara dar, bini wieħed miegħu, bil-bieb fit-triq ta' Santa Luċija. Did-dar kienet ta' waħda jisimha Katarina, il-mara tal-Papas Grieg-Kattoliku, Giovanni Metaxi (Chetta-Schirò: "Memorie del Rito Greco in Malta", p. 24, etc.). Inxtrat tliet-mija-u-ħamsa-u-tmenin skud.

Din id-dar, f'Ġunju tas-sena 1656 ħaditha l-"Propaganda Fide" u tatha lill-Kummissarju tal-Art Imqaddsa biex jistrieħu fiha r-Rħieb li jkunu ġejjin u sejrin Ġerusalem. Din id-dar hija, bi ftit tiswijiet li saru minn dak iż-żmien 'il hawn, dak il-Kunvent ċkejken, bil-bieb kbir, bis-salib aħmar fuqu, fix-xellug tal-kurridur tal-Kunvent ta' Ġieżu tal-Belt, li semmejna fil-bidu.

P. V. CARDONA, O.F.M.

---

# AGRAPHA CHRISTI

*(Jorbot mal-ħarġa ta' qabel, faċċata 30)*

Fi ktieb jgħidulu *Codex Bezae,* li jinsab f'Cambridge, l-Ingilterra, fil-Bxara ta' San Luqa, k. VI v. 4 hemm miktub li darba Ġesù ra raġel jaħdem fil-għalqa, nhar ta' Sibt. Resaq fuq il-ħajt u qallu: *Raġel, jekk taf x'int tagħmel, tkun imbierek; imma jekk ma tafx x'int tagħmel, tkun misħut.*

Ried ifisser Ġesù, li jekk dak ir-raġel kien jaħdem għal xi ħtieġa, biex is-Sibt minn bdiel ġid, kif irid Alla, ma jisfalux ta' deni, kien imbierek, għax għamel raj Alla; imma jekk ħaseb li b'xogħlu kiser is-Sibt, kien misħut, għax li kien dnub, kieku għamlu xorta waħda.

Qawl ieħor ta' Ġesù, li fih wisq fejda għal min itegħmu, ħadtu minn ktieb Ingliż (Sweet Scented Leaves) miktub minn mara Kattolka Ingliża (Violet O'Connor), li ma nafx minn fejn tennietu. Ġesù darba ra kelb mejjet mormi fit-triq. Kif rah qal: *il-għaġ* (avorju) *ma hux aktar abjad minn snienu.* Il-Lhud li kienu miegħu stagħġbu. Qalu: "Min hu dan li sa-ħansitra f'kelb mejjet isib xi ħaġa x'ifaħħar?" Donnu ried Ġesù b'dal-kliem jagħtina turija li għandna nsemmu l-ġid li naraw f'ħadd ieħor, imqar kien qajla, aktar mid-deni tagħhom, imqar ikun wisq. Kemm nonqsu ta' kull jum f'din il-ħaġa! Kemm nies m'humiex għajr imaqdru lill-għajrhom biex jgħattu xturhom, jew biex juru n-naqra ta' ħajr li jistħajjlu li għandhom huma!

Fi ktieb qadim miktub mill-ewwel insara, li jitħaddet fuq il-Mewt ta' Ġesù, miktub dan li ġej, li mill-bixra tiegħu jidher li aktarx hu minnu. Meta Ġesù kien quddiem Pilatu, u resqu l-Lhud iqassu fuqu u jixluh, il-Ħakem Ruman qallu: "Tisma' x'inhuma jgħidu fuqek? Int xi twieġeb?" U Ġesù għal dal-kliem qal lil Pilatu: *Kull ħadd għandu s-setgħa fuq fommu, li jgħid il-ġid jew id-deni. Jaraw huma.* Jiġifieri, m'hux kull ma jgħidu n-nies għandu jkun minnu. Daqs kemm bniedem jista' jgħid is-sewwa, daqs hekk ieħor jista' jgħid il-gideb. Jekk min jitkellem ikun ħabib, jew għadu; jekk għandu xi qliegħ, xi fejda, jew xi mikseb, aktarx li jgħawweġ is-sewwa. Jekk dak li jkun ma

jkunx ra b'għajnejh, is-sewwa ma għandux jaqta' li jafha qatt.

Dan il-qawl li ġej ukoll insab miktub fuq il-weraq tal-bordi ġewwa qabar tal-Insara fil-Masar. Darba Ġesù daħal fil-Maqdes tat-Tempju ta' Ġerusalem, mal-ixirka tiegħu. Rahom wieħed mill-Farisin u qal lil Ġesù: "Ma tisthux, tidħlu fil-Maqdes neġsin, mingħajr ma tinħaslu u tbiddlu?" Wieġbu Ġesù: *Jewilla int, li qiegħed hawn, safi?* Wieġeb l-Ifras: "Jiena safi, għax qabel ma dħalt inħsilt u ndlikt bil-misk." Raġa' wieġeb Ġesù: *Imsejkna intom il-Farisin, għomja li ma tarawx. Int inħsilt fl-ilma nieġes, li fih intefgħu klieb u ħnieżer. U dlikt ġismek bil-misk bħal ma jagħmlu n-nisa tad-dnub biex jingħoġbu u jqanqlu xewqat ir-rġiel. Intom indaf u tfuħu minn barra, imma minn ġewwa mimlijin bil-qżież u l-intiena. Imma jien u l-ixirka tiegħi, li int tgħid li aħna neġsin, aħna misfijin fl-ilma li ħiereġ minn* (Maqgħad Alla).

Kemm imissu kull bniedem, meta jara xi nuqqas f'għajru, qabel ma jistagħġeb bih u jgħid fuqu u jsawwru bi lwien koroħ, isaqsi lilu nnifsu l-mistoqsija li saqsa lil dak l-Ifras, Ġesù: "Jewilla jien, li qiegħed nistagħġeb b'dan, safi?" U kemm ftit nies jistgħu bi dmirhom kollu jwieġbu li iwa. U minn dawn il-ftit kemm l-iwa tagħhom ikun taċ-ċajt, bħal ma kien ta' dak l-Ifras! Jekk għadek ma wqajtx f'dik il-ħtija bħal flien li tistagħġeb bih, jewilla tgħodd ruħek b'aħjar minnu? Qatt sibt ruħek f'dak it-tiġrib bħalu u ħriġt b'wiċċ il-ġid? Mela, qajla qajla, għax kieku sibt ruħek bħalu ma tafx kontx tagħmel agħar minnu.

Fi ktieb qadim, jgħidulu *Didascalia* hemm miktuba dil-kelma ċara ta' Ġesù: *Ħadd m'hu magħruf, jekk m'hux imġarrab.* Biex bniedem jingħaraf jekk hux tajjeb jew ħażin, irid l-ewwel jgħaddi mill-magħsar tal-hemm u d-dwejjaq. Il-ħajja ħafifa, bla tiġrib, ma tfisser xejn. Fil-għaks u fil-moħqrija joħroġ mill-bniedem dak li għandu f'qalbu.

Fi ktieb ieħor qadim tal-ewwel Insara hemm miktub ukoll dal-qawl sabiħ ta' Ġesù: *Min hu dgħajjef, għandu jgħix bis-saħħa ta' min hu qawwi.* Hekk għandu jkun, jaħasra, tal-anqas bejn l-Insara. Min għandu n-nieqes, m'hux bi ħtijietu, għax m'għandux jgħix ma' min għandu ż-żejjed? Imma bosta jagħmlu bil-maqlub ta' dal-qawl ta' Ġesù, u jinqdew bid-dagħaf, biex jagħsruhom u jistagħnew minn fuq demmhom.

Fi ktieb tal-Bxara qadim li nsab m'ilux wisq fil-Masar, fil-k. XVI v. 14 ta' San Mark hemm din iż-żjieda, li miktub li qaluha l-ħdax l-Appostlu, m'hux li qalha Ġesù, meta ċanfarhom għax ma kienux emmnu fil-qawma tiegħu: *Dan iż-żmien li aħna fih qiegħed f'idejn ix-xitan, li bis-saħħa tal-erwieħ ħżiena tiegħu, ma jħallix lil min jifhem is-sewwa t'Alla! Għal hekk Int, Mulej, dawwlilna moħħna!*

Dak iż-żmien li semmew l-Appostli, raġa' ġie fuqna, milli jidher. Issa wkoll, donnha li d-dinja tinsab taħt idejn ix-xitan, li bis-saħħa ta' ħafna nies ħżiena, jaħdem dejjem biex inaqqas u jneħħi għal kollox it-twemmin fid-dinja l-oħra, ħalli kull ħadd jixxala f'did-dinja u jitgħrrar fid-dnubiet. U aħna wkoll jaqblilna nitolbu t-talba li l-Appostli talbu lil Ġesù, li jdawwlilna moħħna, imsejkna nies tad-dinja, ħalli naraw u nifhmu l-għajb li fih ninsabu, u nagħmlu t-tewba, qabel ma nsibu ruħna fid-dagħbien tal-aħħar telfa, li minnu ma jkunx hemm ħelsien, għal dejjem.

FRA NIKOL.

# AĦBARIJIET TAL-PALESTINA

**Il-Lhud inixxfu baħar.** — Matul ix-xmara tal-Ġurdan hemm tliet għadajjar li jgħidulhom ibħra. L-aħħar u l-akbar huwa l-Baħar il-Mejjet, 'il fuq minnu hemm il-Baħar ta' Tabarija, u 'l fuq aktar **kien hemm** Baħar il-Ħula, li issa ma għadux aktar, għax nixxfuħ il-Lhud. Fejn kien dan il-baħar, jew aħjar, għadira, issa żergħuh ross u ġabru minnu ġabra ta' ross liema bħalha. Mhux talli l-ġabra kienet kbira, talli l-Lhud jgħidu li r-ross tal-Hule huwa l-aħjar xorta ta' ross li fiha d-dinja.

**It-taħfir ta' Hal-Hul.** — F'raħal jismu Hal-Hul, qrib Hebron, f'taħfir li qegħdin jagħmlu l-Amerikani tat-Tagħlim Xarqi, sabu qatigħ fuħħar li għandu mis-sena 1750 qabel Kristu. Fost dan il-fuħħar sabu statwa li qatt ma dehret bħalha: hija mara għamla ta' piramda, wiesa minn isfel u tidjieq għal-xej-għal-xejn, in-naħa ta' fuq. Hu maħsub li n-nies tal-qedem ġiebuha mill-Eġittu.

**Kixfa ta' belt midfuna.** — Il-Lhud, taħt it-tmexxija ta' Dott. Yadin, li huwa wkoll Ġeneral ta' l-Armata Lhudija, iben il-Professur Elija Sukenik, kixfu belt kbira ġmielha li kienet midfuna taħt l-art, jisimha Hatzor, fil-Galilija. Fiha sabu katakombi u ġewwa fih kien hemm kotra ġarar u qarrabiet tal-fuħħar u tal-ħġieġ. F'kamra mill-kmamar ta' dak il-katakombi nstabu midfuna tnejn minn ulied wieħed Rabbi Lhudi tal-antik, jismu Rabbi Yadan.

**Mużajk qadim qrib San Ġakbu.** — L-Armeni li għandhom taħt idejhom il-knisja fejn Erodi ġiegħel li jaqtgħu ras San Ġakbu l-Kbir, kixfu mużajk Bizantin qrib il-knisja tagħhom. Il-mużajk ma hux xogħol irqiq, u magħmul minn tliet lewnijiet biss: abjad, iswed u aħmar. Ma jistax jingħad sewwa x'kien qabel ma jinkixef kollu. Qrib tiegħu nstabu wkoll xi oqbra, għalhekk inħaseb li hemm kienet il-qiegħa ta' l-art ta' xi knisja.

**Il-Bibbja miflija bil-makna.** — Makna elettrika jisimha "Unicav" fi 17-il jum għamlet xogħol aktar milli kien jagħmel raġel f'erbgħin sena. Għamlet bħal Dizzjunarju tal-Bibbja, u kull kelma ġġib taħtha f'liema ktieb u liema kapitlu u liema vers tinsab, fil-kotba tal-Bibbja kollha. Hekk kitbet aktar minn tliet mitt elf tismija, li jiswew biex dak li jkun jaf il-kliem u ma jafx fejn jinsab, ikun jista' jsibu malajr.

**Is-Separdi tal-Palestina.** — Il-Lhud li jgħidulhom is-Separdi li hemm il-Palestina (dari kien hawn minnhom Malta wkoll, u qalbu Nsara u issa kunjomhom Az-Zopardi) qegħdin joħorġu gazzetta u fiha qegħdin ixandru kemm ġid għamlu fid-dinja bl-istudji u t-tagħlim tagħhom matul iż-żmenijiet. Il-gazzetta qiegħda toħroġ f'Ġerusalem u ngħoġbot sewwa.

**Laħam ħażin fil-għajnejn.** — Il-Għarab tal-Palestina qishom kollha għandhom il-laħam ħażin f'għajnejhom, ji ġifieri għandhom dik il-marda li jgħidulha 'trakoma'. Kif ingħad dan l-aħħar, hemm bejn il-65 u t-93 fil-mija li għandhom din il-marda. Għalhekk il-Ħakma Ġordanija ħasbet sejħet lit-tobba tal-għajnejn kollha u talbithom jaħsbuha bejniethom biex jaraw tistax issir xi ħaġa ħalli titnaqqas kemm jista' jkun, jew titneħħa għal kollox din il-marda, li hija xkiel kbir għall-popolazzjoni Ġordanija.

# IL-ĦATEM TAL-KARDINAL



**Xiħ (bħal qassis) tal-Misilmin, bil-qegħda fuq mitraħ, bin-nar tal-ġamar quddiemu.**

Fis-sena 1901 mar il-Palestina l-Kardinal Ferrari, Arċisqof ta' Milan. Mar ibierek il-Bażilka l-ġdida li l-Franġiskani kienu għadhom kemm bnew qrib raħal żgħir jismu Kbejba, fuq is-sisien ta' oħra qadima, fejn Ġesù wera ruħu lil żewġ Appostli wara li qam minn bejn l-imwiet, kif inhu miktub fl-Evanġelju ta' San Luqa, XXIV, 13-35.

Kif kien il-Palestina, il-Kardinal żar l-Imkejjen Imqaddsa kollha. U darba waħda mar ukoll fuq Ġebel iż-Żejtun, minn fejn Kristu tala' s-Sema, biex iżur in-naqra ta' kappella li tinsab hemm, għand il-Misilmin.

Kif ġie li għedna f'dan il-Qari, il-Kappella tinsab ġewwa bitħa mdawra. Qabel tidħol fil-bitħa trid tgħaddi minn dar żgħira, fejn joqgħod ix-Xiħ, bħal

qassis, tal-Misilmin. Dan ix-Xiħ ikun dejjem hemm, bil-qiegħda saqajh taħtu, fuq mitraħ mifrux fuq bank tal-ħaġar. Jien rajtu kemm-il-darba.

Il-Kardinal għadda minn hemm u sellem lix-Xiħ. Ix-Xiħ, malli ra l-Kardinal b'dak il-ħatem tad-deheb f'sebgħu, qala' l-ħatem tar-ram li kellu ġo sebgħu hu, u tah lill-Kardinal, tifkira. Il-Prokuratur tal-Franġiskani ta xi ħaġa tal-flus lix-Xiħ u baqgħu sejrin.

Il-Kardinal, kif ħarġu minn hemm qal lill-Kustodju tal-Franġiskani: "Kemm hu minn tagħna dak il-Mislem! Qala' l-ħatem minn sebgħu u tahuli!

"Minn tagħna sewwa, Eminenza!" wieġeb il-Kustodju, li jaf x'iroddu n-nies ta' hemm. "Tahulek għax ħaseb li inti sa tagħmel hekk ukoll, taqla' l-ħatem minn sebgħek u tagħtih lilu. U hekk, huwa jkun bidel ħatem tar-ram ma' ħatem tad-deheb!"

---

✝

# REQIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

**QRENDI:** Nicola Sammut.

**MOSTA:** Giuseppe Chetcuti.

**VALLETTA:** George Zammit, Carmelo Carabott, Filomena Carabott, Giuseppe Lautier, Vincenzo Bonnici, Giuseppa Bonnici, Carmelo Cremona, Joseph Cutajar, Patri Ġann Cremona, O.P., Gio Maria Caruana, Giuseppe Caruana, Carmela Bellia, Carmelo Bellia, Teresa Laferla, Ludgarda Vella, Edward Vella, Carmela Galea, Paulino Galea, Elvira Caruana, Beatrice Wheteside, John Spiteri, Marianna Camilleri, Reno Zammit, Geni Mifsud, Salvatore Rapinett, Marianna Mackey, Antonio Mackey, Salvatore Muscat, Bernarda Muscat, Manwela Azzopardi, Emmanuele Azzopardi, Emilia Sciberras, Giuseppe Sciberras, Francesco Mizzi, Giuseppa Vella, Carmelo Vella, Emmanuele Vella, Vincenzo Micallef, Paulina Micallef, Andrea Micallef, Paulina Gauci, Carmelo Gauci Borda, Maria Gauci Borda.

**ĦAL LUQA:** Salvatore Psaila, Giuseppe Psaila, Pietro Paul Micallef, Marianna Sammut.

**NAXXAR:** Emmanuele Borg, Giuseppa Borg, Rosina Borg.

**SAN PAWL IL-BAĦAR:** Maria Muscat, Joe Bartolo, Joe Muscat, Paulina Muscat, John Muscat, Maria Muscat, Maria Vassallo, Vittoria Vassallo, Maria Muscat, John Muscat, Joe Bartolo, Maria Bartolo, Carmela Muscat, Victor Fenech, Victor Galea, Joe Galea, John Borg, Gerita Borg, Joe Bartolo, Maria Bartolo, John Sammut, Maria Sammut, G. Frendo, R. Frendo, A. Catania, G. Cassar, S. Vassallo, C. Camilleri.

**MELLIEHA:** Carmela Cini, Carmelo Cini, Giovanni Camillerri, Elena Vella, Giovanna Muscat, Michele Muscat, Elene Vella, Giuseppa Fenech, Carmela Fenech, Marija Borg, Pacifica Borg, Grezia Borg, Francesca Fenech, Vittorina Fenech, Giuseppe Cutajar, Mary Camillleri, Giuseppa Fenech, Victor Vella, Alessandr Vella, Maria Vella,

Francesca Abela, Angela Vella, Emmanuele Bartolo, Carmela Borg, Giuseppe Vella, Antonio Gerada, Francesco Butigieg, Giovanna Borg, Giuseppe Cutajar, Vittorina Cutajar, Nazzarena Cutajar, Rosy Borg, Caspar Borg, Carmela Sammut, Romano Sammut, Francesco Sammut, Nazju Sammut.

SANTA VENERA: George Butigieg, Giovanni Butigieg, Catarina Zammit, Frncesco Cutajar, Michele Cutajar, Giovanni Caruana, Carmela Caruana, Carmelo Caruana, Amadeo Caruana, Angela Agius, Salvatore Agius, Giuseppe Spiteri, Vincenza Agius, Francesco Agius, Grazia Agius, Giusepe Zammit, Cristina Agius, Anna Abela, Antonio Abela, Lorenzo Pace, Carmelo Pace, Vincenzo Ellul, Giuseppe Ellul, Costantino Spiteri, Vincenza Spiteri, Luigi Tabone, Francesca Tabone, Salvatore Tabone, Giuseppe Attard, Marianna Briffa, Maria DeBrincat, Giuseppa Briffa, Vincenzo Briffa, Antonio Farrugia, Vincenzo Farrugia, Carmela Farrugia, Antonia Borg, Marianna Bezzina, Antonio Bezzina, Alessandra Bezzina, Carmela Bezzina, Pawlina Schembri, George Schembri, Giuseppe Schembri, George Aquilina.

CALCARA: Concetta Turner, Giuseppe Degabriele, Lorenzo Attard, Alfred Attard, Concetta Borg, Carmela Schembri, Annetta Vella, Alexandra Show, George Gauci Borda, Concetta Micallef, Marianna Micallef, Carmela Scicluna, William Hammet, Adelaide Hammet, John Carabez, Carmela Carabez, Francis John Ridewood, Mary Josephine Ridewood, Doreen Mary Ridewood, Maria Buhagiar, Concetta Brincat, Maria Anna Casha, Calcedonia Casha, Michy Attard, Carmela Pule, Elisa Attard, Carmela Delia, Giuseppe Delia, John Delia, Caterina Delia.

SLIEMA: Ġużi Borg.

ZURRIEQ: Giovanna Attard, Antonia Attard, Giacinto Attard.

ZEBBUG: Nicola Farrugia, Caterina Farrugia, Domenica Fenech, Giuseppe Fenech, Giammaria Muscat, Rosa Muscat.

AXIAQ: Angelo Micallef, Emmanuele Micallef, Grezzju Caruana.

BIRKIRKARA: Spiro Grima, Paolo Grima, Virginia Buhagiar, Helen Buhagiar, Antonio Grima, Caterina Grima

ZABBAR: Dun Vincenz Pace, Michele Pace, Carmela Pace, Giovanna Pace, Gaetana Caruana, Carmelo Caruana, Teresa Pace, Giuseppe Pace, Antonio Pace,Marianna Ellul, Giuseppe Ellul, Faustina Ellul, Giuseppe Ellul, Carmelo Mifsud, Carmela Zerafa, Giuseppe Zerafa, Luigi Zerafa, Michele Demicoli, Carmelo Demicoli, Domenico Demicoli, Giuseppe Demicoli, Susanna Axiaq, Grezzju Brincat, Luzarja Brincat, Pilonia Brincat, James Foot, Salvatore Micallef, Giovanna Micallef, Pawla Axiaq,, Saveria Axiaq, Spiridione Buhagiar, Michele Buhagiar, Caterina Buhagiar, Rosina Pace, Luigi Pulis, Benedetta Camilleri, Angelo Camilleri, Luigi Abela, Giuseppe Abela, Antonio Zerafa, Maria Zerafa, Maria Calleja, John Dalli, Concetta Dalli, Andrea Camilleri, Giovanna Camilleri, Domitilla Dalli, Angelo Camilleri, Michelina Camilleri, Angelo Grech, Luigi Zerafa, Francesco Spiteri, Carmelo Spiteri, Giusa Spiteri, Carmelo Spiteri, Nina Pace, Caterina Caruana.

GHARGHUR: Giuseppe Aquilina, Giuseppe Bezzina, Giovanni Bezzina, Bertu Caruana, Grazzja Caruana, Carmela Caruana, Pawlu Caruana, Giovanni Vella, Giuseppe Vella, Giovanni Vella, Anna Vella, Paolo Diacono.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn l-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**